



Brussell, 25 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14959/22

LIMITE

TELECOM 473
COMPET 919
MI 844
DATAPROTECT 321
JAI 1497
CODEC 1774

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0136(COD)**

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.	14344/22
Nru dok. Cion:	9471/21
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għall-Identità Diġitali Ewropea - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament dwar Identità Diġitali Ewropea (**eID Ewropea**) fit-3 ta' Ġunju 2021¹. L-inizjattiva temenda r-Regolament eIDAS tal-2014², li kien stabbilixxa l-pedamenti meħtieġa għal aċċess sikur għas-servizzi u t-tweqqif ta' tranżazzjonijiet online u transkonfinali fl-UE.

¹ dokument 9471/21.

² [REGOLAMENT \(UE\) Nru 910/2014](#).

2. Il-proposta, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, tirrikjedi li l-Istati Membri joħorġu Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali skont qafas ta' skema ta' eID notifikata, mibnija fuq standards tekniċi komuni, wara ċertifikazzjoni obbligatorja. Sabiex tiġi stabbilita l-arkitettura teknika meħtieġa, titħaffef l-implimentazzjoni tar-Regolament rivedut, jiġu pprovduti linji gwida lill-Istati Membri u tiġi evitata l-frammentazzjoni, il-proposta kienet akkumpanjata minn Rakkomandazzjoni għall-iżvilupp ta' Sett ta' Għodod tal-Unjoni.
3. Il-proposta għal regolament għandha l-għan li tiżgura aċċess universali għall-individwi u n-negozji għal identifikazzjoni u awtentikazzjoni elettronika sigura u affidabbli permezz ta' kartiera diġitali personali fuq mobile.

II. ĦIDMA FL-ISTITUZZJONIJIET OĦRA

1. Fil-Parlament Ewropew, il-proposta ġiet riferuta lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) bi tliet kumitati assoċjati għal opinjonijiet, jiġifieri s-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO), l-Affarijiet Legali (JURI) u l-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE). Ir-rapporteur għall-fajl hija Romana Jerković (S&D, Kroazja). Il-Kumitat ITRE għadu ma adottax ir-rapport tiegħu.
2. Fil-15 ta' Lulju 2021, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew intalab jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta, li sussegwentement ingħatat fl-20 ta' Ottubru 2021. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni spontanjament ħareġ opinjoni dwar il-proposta fit-12 ta' Ottubru 2021.
3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ta l-opinjoni dwar il-proposta fit-28 ta' Lulju 2021.

III. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

1. Fil-Kunsill, l-eżami tal-proposta sar fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Informazzjoni (minn hawn 'il quddiem: il-Grupp ta' Ħidma TELECOM), li beda diskussjonijiet taħt il-Presidenza Portugiża f'Ġunju 2021. L-analiżi tal-proposta kompliet fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM taħt il-Presidenza Slovena, bl-ewwel qari konkluż b'suċċess fil-15 ta' Novembru 2021.
2. Il-Presidenza Franċiża ppreżentat l-ewwel **proposta ta' kompromess** tagħha fil-15 ta' Frar u l-5 ta' April, u t-tieni **waħda** ġiet diskussa fit-23 ta' Mejju u d-9 ta' Ġunju. B'rabta ma' dibattitu ta' orjentazzjoni li sar fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM tad-19 ta' Lulju 2022, il-Presidenza Ċeka — filwaqt li kompliet tibni fuq il-ħidma tal-Presidenza Franċiża — identifikat kwistjonijiet pendenti ewlenin ta' livell għoli u talbet lid-delegazzjonijiet biex jesprimu l-għażliet preferuti tagħhom, bil-ħsieb li l-partijiet rilevanti tat-tieni proposta ta' kompromess jiġu abbozzati mill-ġdid kif meħtieġ. Il-verżjoni riveduta rriżultat fit-tielet **proposta ta' kompromess** li ġiet ippreżentata mill-Presidenza Ċeka fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM tal-5 u t-8 ta' Settembru. Iterazzjonijiet addizzjonali u aġġustamenti relatati rawmu b'suċċess livell aktar profund ta' konverġenza dwar il-bieċa l-kbira tal-kwistjonijiet pendenti.
3. Madankollu, ir-raba' **proposta ta' kompromess**, introdotta lid-delegazzjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM tat-28 ta' Settembru, żvelat diverġenza persistenti bejn l-Istati Membri rigward b'mod partikolari kwistjoni waħda ta' livell għoli, jiġifieri l-Livell ta' Assigurazzjoni ("LoA") magħżul għall-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali. Uħud mill-Istati Membri li diġà għandhom fis-seħħ sistema nazzjonali tal-eID adottaw inizjalment, u investew sussegwentement, f'LoA "sostanzjali", filwaqt li fil-proposta attwali dwar l-eID jenħtieġ LoA "għoli". Peress li hija konxja ta' għadd kbir ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika tal-LoA "sostanzjali" maħruġa f'xi Stati Membri, il-Presidenza Ċeka pproponiet ukoll mekkaniżmu biex tiffaċilita l-on-boarding tal-utenti, u b'hekk ikkontribwiet għall-adozzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Id-dispożizzjoni tippermetti lill-utenti jirreġistraw għall-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali billi jużaw mezzi tal-eID nazzjonali eżistenti fl-LoA "sostanzjali" flimkien ma' proċeduri addizzjonali ta' on-boarding mill-bogħod li flimkien jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-LoA "għoli". L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali huma soġġetti għal-leġislazzjoni ta' implimentazzjoni u l-konformità mar-rekwiżiti għandha tiġi ċċertifikata.

4. **Il-ħames proposta ta' kompromess** ġiet diskussa waqt il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma TELECOM fil-25 ta' Ottubru. Matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma TELECOM tat-8 ta' Novembru 2022, il-Presidenza Ċeka ppreżentat il-bidliet limitati li saru u, wara l-kummenti addizzjonali u s-suġġerimenti għall-abbozz li waslu mid-delegazzjonijiet, ħejjiet il-**verżjoni finali tat-test ta' kompromess** bil-ħsieb li tippreżentah lill-Coreper.
5. Fit-18 ta' Novembru, il-Coreper eżamina din il-proposta ta' kompromess u **qabel unanimament li jippreżentaha lill-Kunsill TTE (Telekomunikazzjoni), mingħajr ebda bidla, bil-ħsieb ta' approċċ ġenerali** fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2022.

IV. ELEMENTI EWLENIN TAL-PROPOSTA TA' KOMPROMESS

1. Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali

Wieħed mill-oġettivi ta' politika ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni għal Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ("Kartiera") huwa li tipprovdi liċ-ċittadini u lil residenti oħra, kif definit mil-liġi nazzjonali, mezz armonizzat ta' Identità Diġitali Ewropea bbażat fuq il-kunċett ta' Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali. Bħala mezz ta' identifikazzjoni elettronika ("mezz ta' eID") maħruġ skont skemi nazzjonali fil-livell ta' assigurazzjoni "għoli", il-Kartiera tkun mezz ta' eID fih innifsu bbażat fuq il-ħruġ ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna u l-Kartiera mill-Istati Membri.

2. Livell ta' Assigurazzjoni tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali

Il-livelli ta' assigurazzjoni ("LoA") għandhom jikkarakterizzaw il-grad ta' fiduċja f'mezz ta' identifikazzjoni elettronika fl-istabbiliment tal-identità ta' persuna, biex b'hekk jipprovdu assigurazzjoni li l-persuna li qed tiddikjara identità partikolari tkun fil-fatt il-persuna li lilha ġiet assenjata dik l-identità. Abbażi tal-appoġġ wiesa' rreġistrat fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma u fid-dibattitu tal-Coreper fl-14 ta' Ottubru, il-Kartiera trid tinħareġ f'sistema ta' identifikazzjoni elettronika li tissodisfa l-LoA "għoli". Barra minn hekk, ġiet miżjuda dispożizzjoni speċifika mal-**Artikolu 6a** dwar l-on-boarding tal-utenti. Din il-bidla hija maħsuba biex tindirizza t-tħassib tal-Istati Membri fejn diġà nħareġ għadd sinifikanti ta' mezz nazzjonali ta' eID fl-LoA

"sostanzjali". Id-dispożizzjoni tippermetti lil utent juża l-mezzi ta' eID nazzjonali tiegħu flimkien ma' proċeduri addizzjonali ta' on-boarding mill-bogħod biex tkun possibbli l-prova tal-identità fl-LoA "għoli" u, fl-aħħar mill-aħħar, biex tinkiseb Kartiera. Peress li l-abbozz tar-Regolament dwar l-eID jiddependi fuq skemi ta' ċertifikazzjonijiet taċ-ċibersigurtà li għandhom iġibu livell armonizzat ta' fiduċja fis-sigurtà tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, anki l-ħżin sigur ta' materjal kriptografiku huwa mistenni li jsir soġġett għaċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà. Il-Presidenza għalhekk ipproponiet il-**Premessa (10b)** għidha li tindirizza dawn il-prekondizzjonijiet tekniċi għall-kisba ta' LoA "għoli" u li tippermetti proċess ta' segwitu fl-implimentazzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali.

3. Notifika tal-partijiet dipendenti

3.1 L-**Artikolu 6b** dwar in-notifika tal-partijiet dipendenti ġie fformulat mill-ġdid. Bħala regola ġenerali, il-proċess ta' notifika li permezz tiegħu l-parti dipendenti tikkomunika l-intenzjoni tagħha li tiddependi fuq il-Kartieri għandu jkun kosteffettiv, proporzjonat għar-riskju u jiżgura li l-parti dipendenti tipprovdi mill-inqas l-informazzjoni meħtieġa biex tawtentika l-Kartiera. B'mod awtomatiku, hija meħtieġa biss informazzjoni minima, u n-notifika għandha tippermetti l-użu ta' proċeduri awtomatizzati jew sempliċi ta' awtorapportar.

3.2 Madankollu, jista' jkun meħtieġ reġim speċifiku minħabba rekwiżiti settorjali, bħal dawk applikabbli għall-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali. Għalhekk ġiet introdotta dispożizzjoni korrispondenti li għandha l-għan li tkopri l-każijiet fejn tkun meħtieġa reġistrazzjoni jew proċedura ta' awtorizzazzjoni aktar stretta. Għall-kuntrarju ta' dan, meta d-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali ma jstabilix rekwiżiti speċifiċi għall-aċċess tal-informazzjoni pprovduta permezz tal-Kartiera, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw lil tali partijiet dipendenti mill-obbligu li jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom li jiddependu fuq il-Kartieri.

4. Ċertifikazzjoni

4.1 Hemm bżonn li r-Regolament jisfrutta l-użu ta' skemi ta' ċertifikazzjoni rilevanti u eżistenti tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, jew partijiet minnhom, jiddependi fuqu u jawtorizzah, għaċ-ċertifikazzjoni tal-konformità tal-Kartieri, jew partijiet minnhom, mar-rekwiżiti applikabbli taċ-ċibersigurtà. Konsegwentement, il-qafas tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà japplika bis-sħiħ, inkluż il-mekkaniżmu ta' rieżami bejn il-pari bejn l-awtoritajiet nazzjonali taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà previst fl-Att dwar iċ-Ċibersigurtà. Sabiex jiġu allinjati kemm jista' jkun ir-Regolament dwar l-eID

u l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, l-Istati Membri ser jaħtru korpi pubbliċi u privati akkreditati biex jiċċertifikaw il-Kartiera kif previst fl-Att dwar iċ-Ċibersigurtà.

4.2 Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija mħeġġa tagħti mandat lill-ENISA biex twettaq l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' skema ddedikata tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà għaċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-Kartiera. Sakemm tali skema tiġi żviluppata, l-iskema EUCC (l-iskema Ewropea taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà) ibbażata fuq il-Kriterji Komuni ppubblikata skont l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà ser tintuża bħala l-metodoloġija bażi għaċ-ċertifikazzjoni tal-Kartiera. Għal rekwiżiti mhux relatati maċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari dawk li jkopru aspetti funzjonali u operazzjonali oħra tal-Kartiera, għandha tiġi stabbilita lista ta' speċifikazzjonijiet, proċeduri u standards ta' referenza. Dawn ir-rekwiżiti huma soġġetti għal ċertifikazzjoni.

5. Perjodu ta' implimentazzjoni għall-forniment tal-Kartiera

Abbażi tal-gwida mill-Istati Membri, ġie propost li l-perjodu ta' implimentazzjoni ta' 24 xahar jingħadd mill-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-**Artikolu 6a(11)** u l-**Artikolu 6c(4)**.

6. Tariffi

Ġie ċċarat fl-**Artikolu 6a(6a)** u fil-premessa korrispondenti li l-ħruġ, l-użu għall-awtentikazzjoni u r-revoka tal-Kartieri għandhom ikunu mingħajr ħlas għall-persuni fiżiċi. Ħlief meta l-Kartieri jintużaw għall-awtentikazzjoni, is-servizzi li jiddependu fuq l-użu tal-Kartiera jistgħu jġarrbu kostijiet, eż. il-ħruġ tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi lill-Kartiera.

7. Aċċess għall-karatteristiċi tal-hardware u tas-software inkluż l-Element Sigur

Il-Presidenza ssuġġeriet li tiġi prevista artikolazzjoni espliċita mar-Regolament (UE) 2022/1925 li tiżgura aċċess għall-karatteristiċi tal-hardware u tas-software bħala parti mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma pprovduti mill-gwardjani. L-**Artikolu 12b** li għadu kif ġie miżjud jiċċara li l-fornituri tal-Kartieri u l-emittenti ta' mezzi ta' identifikazzjoni elektronika notifikati li jaġixxu f'kapacià kummerċjali jew professjonali huma utenti kummerċjali tal-gwardjani skont it-tifsira tad-definizzjoni rispettiva fid-DMA. Ġiet miżjuda formulazzjoni fil-premessa biex tiġi deskritta l-implikazzjoni tal-interkonnnessjoni mad-DMA, jiġifieri li l-gwardjani għandhom ikunu meħtieġa jiżguraw, mingħajr ħlas, interoperabbiltà effettiva ma', u aċċess għall-finijiet ta' interoperabbiltà

għal, l-istess sistema operatorja, karatteristiċi tal-hardware jew karatteristiċi tas-software li huma disponibbli jew użati fil-forniment tas-servizzi komplementari u ta' appoġġ tagħhom stess.

8. Possibiltajiet alternattivi għall-ħruġ ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi minn korpi pubbliċi

Inżamm il-ħruġ ta' attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi minn fornituri kwalifikati, inkluż l-obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw li l-attributi jkunu jistgħu jiġu vverifikati ma' sors awtentiku fis-settur pubbliku. Barra minn hekk, għet introdotta l-possibbiltà li l-attezzjoni elettronika tal-attributi bl-istess effetti legali bħall-attezzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi tkun tista' tinħareġ lill-Kartiera direttament mill-korp tas-settur pubbliku responsabbli għas-sors awtentiku jew minn korp maħtur tas-settur pubbliku f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti meħtieġa. Il-proposta hija riflessa fl-**Artikoli l-ġodda 45a u 45da**, u fl-**Anness VII**.

9. Tqabbil tar-Rekords

L-**Artikolu 11a** oriġinali ngħata l-isem ġdid ta' Tqabbil tar-Rekords peress li dan jirrifletti aħjar l-oġettiv tad-dispożizzjoni. Abbażi tad-diskussjoni, il-kunċett ta' identifikatur uniku u persistenti nżamm għall-Kartieri. Id-definizzjoni rispettiva tiċċara li l-identifikatur jista' jikkonsisti f'kombinazzjoni ta' diversi identifikaturi nazzjonali u settorjali sakemm dan iservi l-iskop tiegħu. Huwa ddikjarat b'mod espliċitu li t-tqabbil tar-rekords jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi. Barra minn hekk, għet inkorporata dispożizzjoni ta' salvagwardja fl-**Artikolu 11a** li skontha l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-protezzjoni tad-data personali u jipprevjenu t-tfassil ta' profili tal-utenti. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri fil-kapaċità tagħhom bħala partijiet dipendenti, għandhom jiżguraw it-tqabbil tar-rekords.

VI. KONKLUŻJONI

1. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden:

- jeżamina t-test ta' kompromess kif jinsab fl-Anness għal din in-nota;
- jikkonferma approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Regolament dwar l-Identità Diġitali Ewropea (eID Ewropea) fil-laqgħa tal-Kunsill TTE (Telekomunikazzjoni) tas-6 ta' Diċembru 2022.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward l-istabbiliment ta' qafas għall-Identità
Diġitali Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Frar 2020, intitolata "Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa"⁴ tħabbar reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bil-għan li tittejjeb l-effettività tiegħu, jiġu estiżi l-benefiċċji tiegħu għas-settur privat u jiġu promossi identitajiet diġitali affidabbli għall-Ewropej kollha.

³ ĠU C , , p. .

⁴ COM/2020/67 final

- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-1-2 ta' Ottubru 2020⁵, il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni tippromponi l-iżvilupp ta' qafas għall-UE kollha għal identifikazzjoni elettronika pubblika sigura, inkluż firem diġitali interoperabbli, biex in-nies jingħataw kontroll fuq l-identità u d-data online tagħhom kif ukoll biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal servizzi diġitali pubbliċi, privati u transfruntieri.
- (3) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2021 intitolata "Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali"⁶ tistabbilixxi l-oġettiv ta' qafas tal-Unjoni li, sal-2030, iwassal għal skjerament wiesa' ta' identità affidabbli u kkontrollata mill-utent, li jippermetti lil kull utent jikkontrolla l-interazzjonijiet u l-preżenza online tiegħu stess.
- (4) Approċċ aktar armonizzat għall-identifikazzjoni diġitali jenħteġ li jnaqqas ir-riskji u l-kostijiet tal-frammentazzjoni attwali minħabba l-użu ta' soluzzjonijiet nazzjonali diverġenti u ser isahha is-Suq Uniku billi jippermetti liċ-ċittadini, lil residenti oħrajn kif iddefinit bil-liġi nazzjonali u lin-negozji jidentifikaw online b'mod konvenjenti u uniformi madwar l-Unjoni kollha. Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ser tipprovdi lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi madwar l-Unjoni mezz ta' identifikazzjoni elettronika armonizzat li jippermettilhom jawtentikaw u jikkondividu d-data marbuta mal-identità tagħhom. Jenħteġ li kulħadd ikun jista' jaċċessa b'mod sigur is-servizzi pubbliċi u privati li jiddependu fuq ekosistema mtejba għas-servizzi fiduċjarji u fuq provi tal-identità u attestazzjonijiet tal-attributi vverifikati, bħal lawrja tal-università rikonoxxuta legalment u aċċettata kullimkien fl-Unjoni. Il-qafas Ewropew tal-Identità Diġitali għandu l-għan li jikseb bidla mid-dipendenza fuq soluzzjonijiet nazzjonali tal-identità diġitali biss, għall-forniment ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi validi fil-livell Ewropew. Il-fornituri ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi jenħteġ li jibbenefikaw minn sett ċar u uniformi ta' regoli u l-amministrazzjonijiet pubbliċi jenħteġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq dokumenti elettroniċi f'format partikolari.

⁵ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2020/10/02/european-council-conclusions-1-2-october-2020/>

⁶ COM/2021/118 final/2

- (4a) Diversi Stati Membri implimentaw u fil-biċċa l-kbira jużaw mezzi ta' identifikazzjoni elettronika li llum il-ġurnata huma aċċettati mill-fornituri tas-servizzi fl-Unjoni. Barra minn hekk, saru investimenti kemm f'soluzzjonijiet nazzjonali kif ukoll f'soluzzjonijiet transfruntiera bbażati fuq ir-Regolament eIDAS attwali, inkluż l-infrastruttura teknika tal-interoperabbiltà tan-nodi eIDAS. Sabiex jiġu ggarantiti l-komplementarjetà u l-adozzjoni rapida tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali mill-utenti attwali ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati u biex jiġu minimizzati l-impatti fuq il-fornituri tas-servizzi eżistenti, il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali huma mistennija li jibbenefikaw mill-bini fuq l-esperjenza b'mezzi ta' identifikazzjoni elettronika eżistenti u li jieħdu vantaġġ mill-infrastruttura eIDAS varata fil-livelli Ewropej u nazzjonali.
- (5) Biex tiġi appoġġata l-kompetittività tan-negozji Ewropej, il-fornituri ta' servizzi online jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq soluzzjonijiet tal-identità diġitali rikonoxxuti madwar l-Unjoni kollha, irrISPettivament mill-Istat Membru li fih dawn ikunu ġew ipprovduti, u b'hekk jibbenefikaw minn approċċ Ewropew armonizzat għall-fiduċja, is-sigurtà u l-interoperabbiltà. Kemm l-utenti kif ukoll il-fornituri tas-servizzi jenħtieġ li jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istess valur legali mogħti lil attestazzjonijiet elettroniki tal-attributi madwar l-Unjoni kollha.
- (6) Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679⁷ japplika għall-ipproċessar ta' data personali fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi salvagwardji speċifiċi biex jiġi evitat li l-fornituri ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika u dawk ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi jikkombinaw data personali minn servizzi oħra mad-data personali relatata mas-servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Id-data personali relatata mal-forniment tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jenħtieġ li tinżamm loġikament separata minn kwalunkwe data oħra miżmuma mill-emittent. Dan ir-Regolament ma jipprevjenix lill-emittenti tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali milli japplikaw miżuri tekniċi addizzjonali li jikkontribwixxu għall-protezzjoni tad-

⁷ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

data personali, bħas-separazzjoni fiżika tad-data personali relatata mal-forniment ta' Kartieri minn kwalunkwe data oħra miżmuma mill-emittent.

- (7) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet armonizzati għall-istabbiliment ta' qafas għall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali li għandhom jiġu pprovduti mill-Istati Membri, li jenħtieġ li jagħti s-setgħa liċ-ċittadini kollha tal-Unjoni u lil residenti oħrajn kif iddefinit bil-liġi nazzjonali li jikkondividu b'mod sigur data relatata mal-identità tagħhom b'mod faċli għall-utent u konvenjenti fil-kontroll uniku tal-utent. Jenħtieġ li jiġu żviluppata teknoloġija użata biex jintlaħqu dawk l-oġettivi bil-għan li jintlaħaq l-ogħla livell ta' sigurtà, privatezza, konvenjenza għall-utenti u użu wiesa'. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw aċċess uguali għall-identifikazzjoni diġitali għaċ-ċittadini u r-residenti kollha tagħhom.
- (8) Biex jiġi żgurat li l-partijiet dipendenti jkunu jistgħu jiddependu fuq l-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali u biex jipproteġu lill-utent kontra l-użu illegali ta' data sensittiva, jenħtieġ li l-partijiet dipendenti jiġu rreġistrati bħala parti minn proċess ta' notifika. Jenħtieġ li fil-bieċa l-kbira tal-każijiet ir-rekwiżiti ta' notifika applikabbli għall-partijiet dipendenti jkunu bbażati fuq l-għoti ta' ammont limitat ta' informazzjoni meħtieġa għall-awtentikazzjoni tal-parti dipendenti lejn il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali. Ir-rekwiżiti jenħtieġ li jippermettu wkoll l-użu ta' proċeduri awtomatizzati jew sempliċi ta' awtorapportar, inkluż id-dipendenza fuq ir-reġistri eżistenti u l-użu tagħhom mill-Istati Membri. Fl-istess ħin, għall-kategoriji ta' data sensittiva, jistgħu jeżistu reġimi speċifiċi fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni, li jistgħu jimponu reġistrazzjonijiet u rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni aktar stretti fuq il-partijiet dipendenti sabiex jiġi evitat l-użu illegali ta' data tal-identità f'każijiet bħal dawn. F'każijiet oħra ta' użu, il-partijiet dipendenti jistgħu jiġu eżentati milli jinnotifikaw l-intenzjoni tagħhom li jiddependu fuq il-Kartiera Diġitali Ewropea, pereżempju, meta dritt li jivverifikaw attributi speċifiċi ma jirrikjedix jew ma jippermettix l-awtentikazzjoni tal-parti dipendenti b'mezzi elettroniċi. Tipikament, f'dawn ix-xenarji wiċċ imb wiċċ l-utent ikun jista' jidentifika l-parti dipendenti bis-saħħa tal-kuntast, bħal meta jinteraġixxi ma' skrivan tal-kiri tal-karozzi jew spiżjar. Il-proċess ta' notifika huwa maħsub li jkun immexxi mid-dritt settorjali tal-Unjoni jew mil-liġi settorjali nazzjonali peress li dan jippermetti li jiġu akkomodati diversi każijiet ta' użu li jistgħu jvarjaw f'termini ta' rekwiżiti ta' reġistrazzjoni, ta' modalità ta' operazzjoni (online/offline), jew f'termini tar-rekwiżit li jiġu awtentikati apparati li kapaċi jinteraġixxu mal-Kartiera

Ewropea tal-Identità Diġitali. Il-verifika tal-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali minn partijiet dipendenti jenħtieġ li ma tingħatax mandat biex tiġi infurzata fil-livell tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.

- (9) Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kollha jenħtieġ li jippermettu lill-utenti jidentifikaw u jawtentikaw b'mod elettroniku online u offline bejn il-fruntieri biex jaċċessaw firxa wiesgħa ta' servizzi pubbliċi u privati. Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Istati Membri fir-rigward tal-identifikazzjoni taċ-ċittadini u tar-residenti tagħhom, il-Kartieri jistgħu jservu wkoll il-ħtiġijiet istituzzjonali tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. L-użu offline ikun importanti f'ħafna setturi, inkluż fis-settur tas-saħħa fejn is-servizzi ta' spiss jiġu pprovduti permezz ta' interazzjoni wiċċ imb'wiċċ u l-preskrizzjonijiet elettroniċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq il-kodiċijiet QR jew teknoloġiji simili biex tiġi vverifikata l-awtentiċità. Billi jiddependu fuq il-livell ta' assigurazzjoni "għoli", il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jenħtieġ li jibbenefikaw mill-potenzjal offrut minn soluzzjonijiet li ma jippermettux tbaġħbis bħal elementi siguri, biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sigurtà skont dan ir-Regolament. Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jenħtieġ li jippermettu wkoll lill-utenti joħolqu u jużaw firem u siġilli elettroniċi kwalifikati li huma aċċettati madwar l-UE kollha. biex jinkisbu benefiċċji ta' simplifikazzjoni u ta' tnaqqis tal-kostijiet għall-persuni u għan-negozji madwar l-UE kollha, inkluż billi jiġu permessi setgħat ta' rappreżentanza u mandati elettroniċi, l-Istati Membri jenħtieġ li joħorġu Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali li jiddependu fuq standards komuni biex jiżguraw interoperabbiltà mingħajr xkiel u livell għoli ta' sigurtà. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biss jistgħu jipprovdu grad għoli ta' kunfidenza fl-istabbiliment tal-identità ta' persuna u għalhekk jipprovdu assigurazzjoni li l-persuna li tiddikjara jew li tasserixxi identità partikolari hija fil-fatt il-persuna li hija tiddikjara li hija. Għalhekk, jeħtieġ li l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jiddependu fuq l-identità legali taċ-ċittadini, ta' residenti oħrajn jew ta' entitajiet ġuridiċi. Il-fiduċja fil-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali tissaħħaħ mill-fatt li l-partijiet emittenti huma meħtieġa jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżguraw livell ta' sigurtà proporzjonat għar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679. Il-ħruġ, l-użu għall-awtentikazzjoni u r-revoka tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandu jkun mingħajr ħlaq għall-persuni fiżiċi. Is-servizzi li jiddependu fuq l-użu tal-Kartiera jistgħu

jġarrbu kostijiet relatati, pereżempju, mal-ħruġ tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi lill-Kartiera.

- (9a) Huwa ta' benefiċċju li jiġu ffaċilitati l-adozzjoni u l-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali billi jiġu integrati mingħajr xkiel mal-ekosistema tas-servizzi diġitali pubbliċi u privati diġà implimentati fil-livell nazzjonali, lokali jew reġjonali. Biex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu miżuri legali u organizzattivi sabiex iżidu l-flessibbiltà għall-emittenti tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali u biex jippermettu funzjonalitajiet addizzjonali tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali lil hinn minn dak li huwa stabbilit minn dan ir-Regolament, inkluż permezz ta' interoperabbiltà mtejba mal-mezzi eżistenti tal-eID nazzjonali. Jenħtieġ li dan bl-ebda mod ma jkun għad-detriment tal-forniment tal-funzjonijiet ewlenin tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kif stabbilit f'dan ir-Regolament u lanqas għall-promozzjoni ta' soluzzjonijiet nazzjonali eżistenti rigward il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Peress li jmorru lil hinn minn dan ir-Regolament, dawk il-funzjonalitajiet addizzjonali ma jibbenefikawx mid-dispożizzjonijiet dwar id-dipendenza transfruntiera fuq il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali stipulati f'dan ir-Regolament.

- (10) Sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni, sigurtà u affidabbiltà tad-data, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi qafas armonizzat li jagħti dettalji dwar l-ispeċifikazzjonijiet u r-rekwiżiti komuni applikabbli għall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Il-konformità tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ma' dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li tiġi ċċertifikata minn korpi akkreditati ta' valutazzjoni tal-konformità maħtura mill-Istati Membri. Iċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li tiddependi, b'mod partikolari, fuq skemi Ewropej rilevanti taċ-ċertifikazzjonijiet taċ-ċibersigurtà, jew partijiet minnhom, stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2019/881⁸, sa fejn dawn ikopru r-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà applikabbli għall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Jenħtieġ li d-dipendenza fuq l-iskemi Ewropej taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà ggħib livell armonizzat ta' fiduċja fis-sigurtà tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, irrispettivament minn fejn jinħarġu madwar l-Unjoni. Iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jenħtieġ li tibni fuq ir-rwol tal-Awtoritajiet Nazzjonali taċ-Ċertifikazzjoni taċ-Ċibersigurtà li jissorveljaw u jimmonitorjaw il-konformità taċ-ċertifikati maħruġa mill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità fil-ġurisdizzjoni tagħhom mal-iskemi Ewropej rilevanti taċ-ċibersigurtà. Bl-istess mod, jenħtieġ li ċ-ċertifikazzjoni tisfrutta, kif xieraq, standards u speċifikazzjonijiet tekniċi kif speċifikat fir-Regolament (UE) 2019/881. Tali speċifikazzjonijiet jistgħu jintużaw bħala dokumenti tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, kif speċifikat skont l-iskemi rilevanti taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà skont ir-Regolament (UE) 2019/881. Meta l-ebda skema Ewropea rilevanti taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2019/881 ma tkopri ċ-ċertifikazzjoni ta' servizzi jew proċessi rilevanti li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-Kartiera, jenħtieġ li jinħolqu skemi xierqa f'konformità mat-Titolu III tar-Regolament (UE) 2019/881. Jenħtieġ li tiġi stabbilita skema komuni u armonizzata għaċ-ċertifikazzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għall-valutazzjoni tal-konformità tagħhom mal-ispeċifikazzjonijiet u mar-rekwiżiti komuni previsti f'dan ir-Regolament, għajr dawk relatati maċ-ċibersigurtà u mal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari dawk li jkopru l-aspetti funzjonali u operazzjonali. Fir-rigward ta' din iċ-ċertifikazzjoni, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' fiduċja u trasparenza, jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi u proċeduri bl-għan li jrawmu t-tagħlim bejn il-pari u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar il-monitoraġġ u r-rieżami tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni u ċ-ċertifikati u r-rapporti ta' ċertifikazzjoni li joħorġu. Tali mekkaniżmu ta' tagħlim bejn il-pari jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 2016/679 u r-Regolament (UE) 2019/881. Iċ-ċertifikazzjoni tal-Kartiera skont ir-Regolament (KE) Nru 2016/679 hija għodda volontarja fost l-oħrajn li tista' tintuża biex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2016/679 kif japplikaw għall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali u l-forniment tagħhom liċ-ċittadini Ewropej.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà), ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15

- (10a) Jenħtieġ li l-on-boarding taċ-ċittadini u r-residenti għall-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jiġi ffaċilitat permezz ta' dipendenza fuq mezzi ta' identifikazzjoni elettronika maħruġa fil-livell ta' assigurazzjoni "għoli". Il-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika maħruġa fil-livell ta' assigurazzjoni "sostanzjali" jenħtieġ li jintużaw biss f'każijiet fejn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali armonizzati li jużaw mezzi ta' identifikazzjoni elettronika maħruġa fil-livell ta' assigurazzjoni "sostanzjali" flimkien ma' mezzi supplimentari oħra ta' verifika tal-identità jippermettu li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-livell ta' assigurazzjoni "għoli". Tali mezzi jew miżuri supplimentari jenħtieġ li jkunu affidabbli u faċli biex jintużaw mill-utenti u jkunu jistgħu jinbnew fuq il-possibbiltà li jintużaw proċeduri ta' on-boarding mill-bogħod, ċertifikati kwalifikati appoġġati minn firem kwalifikati, attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi jew kombinazzjoni tagħhom. Sabiex jiġi żgurat użu suffiċjenti tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, jenħtieġ li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali armonizzati għall-on-boarding tal-utenti bl-użu ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika, inkluż dawk maħruġa fil-livell ta' assigurazzjoni "sostanzjali", jiġu stipulati f'atti ta' implimentazzjoni.
- (10b) L-oġġettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jipprovdi lill-utent b'Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali kompletament mobbli, sigura u faċli għall-utent. Bħala miżura tranżizzjonali sakemm ikunu disponibbli soluzzjonijiet iċċertifikati li ma jippermettux tbaġġbis, bħal elementi siguri fl-apparati tal-utenti, il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jistgħu jiddependu fuq elementi siguri esterni iċċertifikati għall-protezzjoni tal-materjal kriptografiku u data sensittiva oħra jew fuq soluzzjonijiet nazzjonali notifikati fil-livell ta' assigurazzjoni "għoli" sabiex tintwera l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament fir-rigward tal-livell ta' assigurazzjoni tal-Kartiera. L-użu tal-miżura tranżizzjonali msemmija hawn fuq jenħtieġ li jkun limitat għal każijiet ta' użu li jeħtieġu livell ta' assigurazzjoni "għoli", bħall-on-boarding tal-utent għall-Kartiera u l-awtentikazzjoni għal servizzi li jeħtieġu livell ta' assigurazzjoni "għoli". Meta l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jiġu awtentikati għal servizzi li jeħtieġu livell ta' assigurazzjoni "sostanzjali", jenħtieġ li dawn ma jirrikjedux l-użu tal-miżura tranżizzjonali msemmija hawn fuq. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet nazzjonali għall-ħruġ u l-użu ta' element estern sigur iċċertifikat f'każ li din il-miżura tranżizzjonali tiddependi fuqu.

- (11) Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jenħtieġ li jiżguraw l-ogħla livell ta' protezzjoni u sigurtà għad-data personali użata għall-awtentikazzjoni irrispettivament minn jekk din id-data tinħażinx lokalment jew fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq il-cloud, filwaqt li jqisu l-livelli differenti ta' riskju. L-ipproċessar tad-data bijometrika bħala fattur ta' awtentikazzjoni f'awtentikazzjoni b'saħħitha tal-utenti huwa wieħed mill-metodi ta' identifikazzjoni li jipprovdur livell għoli ta' fiduċja, b'mod partikolari meta jintużaw flimkien ma' elementi oħra ta' awtentikazzjoni. Peress li d-data bijometrika tirrappreżenta karatteristika unika ta' persuna, l-ipproċessar ta' data bijometrika huwa permess biss skont l-eċċezzjonijiet tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2016/679 u jeħtieġ salvagwardji xierqa, proporzjonati għar-riskju li tali pproċessar jista' jinvolvi għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi.
- (11a) Jenħtieġ li l-funzjonament tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jkun trasparenti u jippermetti pproċessar verifikabbli tad-data personali. Sabiex jinkiseb dan, l-Istati Membri huma mħeġġa jiżvelaw il-kodiċi sors tal-komponenti tas-software tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali li huma relatati mal-ipproċessar ta' data personali u data ta' persuni ġuridiċi. L-iżvelar ta' tali kodiċi tas-sors jippermetti lis-soċjetà, inkluż l-utenti u l-iżviluppaturi, jifhmu l-operat tiegħu. Dan għandu wkoll il-potenzjal li jżid il-fiduċja tal-utenti fl-ekosistema tal-Kartiera u jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-Kartieri billi jippermetti lil kulħadd jirrapporta vulnerabbiltajiet u żbalji fil-kodiċi. Dan iħeġġeġ lill-fornituri jikkonsenjaw u jżommu prodott sigur ħafna. Barra minn hekk u fejn xieraq, l-Istati Membri huma mħeġġa wkoll jagħmlu l-kodiċi tas-sors disponibbli taħt liċenzja b'sors miftuħ. Liċenzja b'sors miftuħ tippermetti lis-soċjetà, inkluż l-utenti u l-iżviluppaturi, jimmodifikaw u jużaw mill-ġdid il-kodiċi tas-sors.
- (12) Biex jiġi żgurat li l-qafas Ewropew tal-Identità Diġitali jkun miftuħ għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp teknoloġiku, u jibqa' validu fil-futur, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jistabbilixxu b'mod konġunt sandboxes għall-ittestjar ta' soluzzjonijiet innovattivi f'ambjent ikkontrollat u sigur b'mod partikolari biex itejbu l-funzjonalità, il-protezzjoni tad-data personali, is-sigurtà u l-interoperabbiltà tas-soluzzjonijiet u biex jinfurmaw dwar aġġornamenti futuri tar-referenzi tekniċi u tar-rekwiżiti legali. Dan l-ambjent jenħtieġ li jrawwem l-inklużjoni ta' Intrapriżi Żgħira u Medji Ewropej, negozji ġodda u innovaturi u riċerkaturi individwali.

- (13) Ir-Regolament (UE) 2019/1157⁹ isahha is-sigurtà tal-karti tal-identità b'karatteristiċi tas-sigurtà mtejba sa Awwissu 2021. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-fattibbiltà li jinnotifikawhom skont l-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika biex jestendu d-disponibbiltà transfruntiera tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika.
- (14) Il-proċess tan-notifika tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika jenħtieġ li jiġi ssimplifikat u aċċellerat biex jiġi promoss l-aċċess għal soluzzjonijiet konvenjenti, affidabbli, siguri u innovattivi ta' awtentikazzjoni u identifikazzjoni u, meta jkun rilevanti, biex il-fornituri tal-identità privata jiġu mħeġġa joffru skemi ta' identifikazzjoni elettronika lill-awtoritajiet tal-Istati Membri għan-notifika bħala skemi nazzjonali tal-identifikazzjoni elettronika skont ir-Regolament Nru 910/2014.
- (15) Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri attwali ta' notifika u ta' rieżami bejn il-pari ser tipprevjeni approċċi eteroġenji għall-valutazzjoni ta' diversi skemi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati u ser tiffaċilita l-bini tal-fiduċja bejn l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-mekkaniżmi ġodda u simplifikati jrawmu l-kooperazzjoni tal-Istati Membri dwar is-sigurtà u l-interoperabbiltà tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati tagħhom.
- (16) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibbenefikaw minn għodod ġodda u flessibbli biex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tal-atti ta' implimentazzjoni rilevanti. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jippermetti lill-Istati Membri jużaw rapporti u valutazzjonijiet, imwettqa minn korpi akkreditati tal-valutazzjoni tal-konformità kif previst fl-iskemi ta' ċertifikazzjoni li għandhom jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/881, biex jappoġġaw l-asserzjonijiet tagħhom dwar l-allinjament tal-iskemi jew ta' partijiet minnhom mar-rekwiżiti tar-Regolament dwar l-interoperabbiltà u s-sigurtà tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2019/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tiswira tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 67).

(17a) L-użu ta' identifikaturi uniċi u persistenti maħruġa mill-Istati Membri jew iġġenerati mill-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, flimkien mal-użu ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna, huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-identità tal-utent tkun tista' tiġi vverifikata, b'mod partikolari fis-settur pubbliku u meta tkun awtorizzata mil-liġi nazzjonali jew id-dritt tal-Unjoni,. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura li l-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tkun tista' tipprovdi mekkaniżmu li jippermetti t-tqabbil tar-rekords, inkluż bl-użu ta' attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi, u li jippermetti l-inklużjoni ta' identifikaturi uniċi u persistenti fis-sett ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna. Identifikatur uniku u persistenti jista' jikkonsisti f'data ta' identifikazzjoni unika jew multipla li tista' tkun speċifika għas-settur sakemm dan iservi biex jidentifika b'mod uniku l-utent madwar l-Unjoni. Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jenħtieġ li tipprovdi wkoll mekkaniżmu li jippermetti l-użu ta' identifikaturi speċifiċi għall-partijiet dipendenti f'każijiet meta l-użu ta' identifikatur uniku u persistenti jkun meħtieġ mil-liġi nazzjonali jew mid-dritt tal-Unjoni. Fil-każijiet kollha, jenħtieġ li l-mekkaniżmu pprovdut biex jiffaċilita t-tqabbil tar-rekords u l-użu ta' identifikaturi uniċi u persistenti jiżgura li l-utent huwa protett kontra l-użu ħażin ta' data personali skont dan ir-Regolament u d-dritt applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679, inkluż kontra r-riskju ta' tfassil ta' profili u traċċar relatat mal-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.

(17aa) Huwa essenzjali li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-utenti, u b'hekk tingħata spinta lid-domanda għall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Jenħtieġ li jkun hemm każijiet ta' użu sinifikanti u servizzi online li jiddependu fuq il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali disponibbli. Għall-konvenjenza tal-utenti u sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà transfruntiera ta' tali servizzi, huwa importanti li jittieħdu azzjonijiet sabiex jiġi ffaċilitat approċċ simili għad-disinn, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-servizzi online fl-Istati Membri kollha. Linji gwida mhux vinkolanti dwar kif jitfasslu, jiġu żviluppati u implimentati servizzi online li jiddependu fuq il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandhom il-potenzjal li jsiru għodda utli biex jintlaħaq dan l-għan. Dawn il-linji gwida jenħtieġ li jitħejjew b'kont debitu tal-qafas tal-interoperabbiltà tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom rwol ewlieni fl-adozzjoni tagħhom.

- (18) F'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/882¹⁰, il-persuni b'diżabilità jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, is-servizzi fiduċjarji u l-prodotti ta' utenti finali użati fil-forniment ta' dawk is-servizzi fuq bażi ugwali ma' utenti oħra.
- (19) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkoprix aspetti relatati mal-konklużjoni u l-validità tal-kuntratti jew obbligi legali oħra fejn ikun hemm rekwiżiti rigward il-forma stabbiliti mil-liġi nazzjonali jew mid-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan ma jaffettwax ir-rekwiżiti nazzjonali dwar il-forma li jappartjenu għar-reġistri pubbliċi, b'mod partikolari r-reġistri kummerċjali u dawk tal-artijiet.
- (20) Il-forniment u l-użu tas-servizzi fiduċjarji qed isiru dejjem aktar importanti għall-kummerċ u l-kooperazzjoni internazzjonali. Is-sħab internazzjonali tal-UE qed jistabbilixxu oqfsa fiduċjarji ispirati mir-Regolament (UE) Nru 910/2014. Għalhekk, biex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent ta' dawn is-servizzi u tal-fornituri tagħhom, il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tista' tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom l-oqfsa fiduċjarji ta' pajjiżi terzi jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għall-qafas fiduċjarju għas-servizzi u l-fornituri fiduċjarji kwalifikati f'dan ir-Regolament, bħala kumplement għall-possibbiltà tar-rikonoxximent reċiproku ta' servizzi u forniture fiduċjarji stabbiliti fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 218 tat-Trattat. Meta jiġu stipulati l-kondizzjonijiet, li skonthom l-oqfsa ta' fiduċja ta' pajjiżi terzi jistgħu jitqiesu ekwivalenti għall-qafas ta' fiduċja għal servizzi u forniture fiduċjarji kwalifikati f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi żgurata wkoll il-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva XXXX/XXXX, (id-Direttiva NIS2) u r-Regolament (UE) 2016/679, kif ukoll l-użu ta' listi affidabbli bħala elementi essenzjali biex tinbena l-fiduċja.

¹⁰ Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

- (21) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jibni fuq atti tal-Unjoni li jiżguraw swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali. B'mod partikolari, dan jibni fuq ir-Regolament (UE) 2022/1925, li jintroduċi regoli għall-fornituri ta' servizzi ta' pjattaforma ewlenija maħtura bħala gwardjani u, fost l-oħrajn, jipprojbixxi lill-gwardjani milli jirrikjedu li l-utenti kummerċjali jużaw, joffru jew jinteroperaw ma' servizz ta' identifikazzjoni tal-gwardjan fil-kuntest tas-servizzi offriti mill-utenti kummerċjali li jużaw is-servizzi ta' pjattaforma ewlenija ta' dak il-gwardjan. L-Artikolu 6(7) tar-Regolament 2022/1925 jirrikjedi li l-gwardjani jippermettu lill-utenti kummerċjali u lill-fornituri ta' servizzi anċillari aċċess għal u interoperabbiltà mal-istess karatteristiċi tas-sistema operattiva, tal-hardware jew tas-software li jkunu disponibbli jew jintużaw fil-forniment mill-gwardjan ta' kwalunkwe servizz anċillari. Skont l-Artikolu 2(15) tal-Att dwar is-Swieq Diġitali, is-servizzi ta' identifikazzjoni jikkostitwixxu tip ta' servizzi anċillari. Għalhekk, l-utenti kummerċjali u l-fornituri ta' servizzi anċillari jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw dawn il-karatteristiċi tal-hardware jew tas-software, bħal elementi siguri fl-ismartphones, u li jinteroperaw magħhom permezz tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jew tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati tal-Istati Membri.

- (22) biex jiġu ssimplifikati l-obbligi ta' ċibersigurtà imposti fuq il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji, kif ukoll biex dawn il-fornituri u l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-qafas legali stabbilit mid-Direttiva XXXX/XXXX (id-Direttiva NIS2), is-servizzi fiduċjarji huma meħtieġa jieħdu miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa skont id-Direttiva XXXX/XXXX (id-Direttiva NIS2), bħal miżuri li jindirizzaw il-fallimenti tas-sistema, l-iżball uman, azzjonijiet malizzjużi jew fenomeni naturali biex jiġu ġestiti r-riskji għas-sigurtà tan-network u tas-sistemi tal-informazzjoni li dawk il-fornituri jużaw fil-forniment tas-servizzi tagħhom kif ukoll biex jiġu notifikati inċidenti sinifikanti u theddid ċibernetiku f'konformità mad-Direttiva XXXX/XXXX (id-Direttiva NIS2). Fir-rigward tar-rapportar ta' inċidenti, il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji jenħtieġ li jinnotifikaw kwalunkwe inċident li jkollu impatt sinifikanti fuq il-forniment tas-servizzi tagħhom, inkluż dak ikkawżat minn serq jew telf ta' apparati, danni jew inċidenti fil-kejbils tan-network li seħħew fil-kuntest tal-identifikazzjoni tal-persuni. Ir-rekwiżiti tal-ġestjoni tar-riskju ta' ċibersigurtà u l-obbligi ta' rapportar skont id-Direttiva XXXXXX [NIS2] jenħtieġ li jitqiesu bħala komplementari għar-rekwiżiti imposti fuq il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji skont dan ir-Regolament. Meta jkun xieraq, il-prattiki jew il-gwida nazzjonali stabbiliti fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tas-sigurtà u ta' rapportar u tas-superviżjoni tal-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 jenħtieġ li jkomplu jiġu applikati mill-awtoritajiet kompetenti maħtura skont id-Direttiva XXXX/XXXX (id-Direttiva NIS2). Kwalunkwe rekwiżit skont dan ir-Regolament ma jaffettwax l-obbligu li jiġi notifikat ksur ta' data personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679.

- (23) Jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni xierqa biex tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet tal-NIS u tal-eIDAS. F'każijiet fejn il-korp superviżorju skont dan ir-Regolament ikun differenti mill-awtoritajiet kompetenti maħtura skont id-Direttiva XXXX/XXXX [NIS2], dawk l-awtoritajiet jenħtieġ li jikkooperaw mill-qrib u fil-ħin billi jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti biex jiġu żgurati superviżjoni u konformità effettivi tal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva XXXX/XXXX [NIS2]. B'mod partikolari, il-korpi superviżorji skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu intitolati jitolbu lill-awtorità kompetenti skont id-Direttiva XXXX/XXXX [NIS2] biex tagħti l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex jingħata l-istatus kwalifikat u biex jitwettqu azzjonijiet superviżorji biex tiġi vverifikata l-konformità tal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji mar-rekwiżiti rilevanti skont l-NIS2 jew jintalbu jirrimedjaw in-nuqqas ta' konformità.
- (24) Huwa essenzjali li jiġi previst qafas legali biex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent transfruntier bejn is-sistemi legali nazzjonali eżistenti relatati mas-servizzi elettroniċi ta' konsenja reġistrati. Dak il-qafas jista' jiftaħ ukoll opportunitajiet ta' swieq ġodda għal fornituri ta' servizzi fiduċjarji tal-Unjoni biex joffru servizzi ġodda elettroniċi ta' konsenja reġistrati pan-Ewropej. Sabiex jiġi żgurat li d-data li tuża servizz elettroniku ta' konsenja reġistrat kwalifikat tingħata lid-destinatarju korrett, is-servizzi elettroniċi ta' konsenja reġistrati kwalifikati jenħtieġ li jiżguraw b'ċertezza sħiħa l-identifikazzjoni tad-destinatarju filwaqt li livell għoli ta' fiduċja jkun biżżejjed fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-emittent. Il-fornituri ta' servizzi elettroniċi ta' konsenja reġistrati kwalifikati jenħtieġ li jiġu mħeġġa mill-Istati Membri biex is-servizzi tagħhom ikunu interoperabbli ma' servizzi elettroniċi ta' konsenja reġistrati kwalifikati pprovduti minn fornituri kwalifikati oħra ta' servizzi fiduċjarji sabiex jittrasferixxu faċilment id-data elettronika reġistrata bejn żewġ fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji jew aktar u biex jippromwovu prattiki ġusti fis-suq intern.
- (25) Fil-bieċa l-kbira tal-każijiet, iċ-ċittadini u residenti oħrajn ma jistgħux jiskambjaw b'mod diġitali, bejn il-fruntieri, informazzjoni relatata mal-identità tagħhom, bħal indirizzi, l-età u kwalifiki professjonali, liċenzji tas-sewqan u permessi oħra, u data dwar il-ħlas, b'mod sikur u b'livell għoli ta' protezzjoni tad-data.

- (26) Jenħtieġ li jkun possibbli li jinħarġu u li jiġu ġestiti attributi diġitali affidabbli u li wieħed jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-piż amministrattiv, filwaqt li tingħata s-setgħa liċ-ċittadini u lil residenti oħrajn biex jużawhom fit-tranżazzjonijiet privati u pubbliċi tagħhom. Iċ-ċittadini u residenti oħra jenħtieġ li jkunu jistgħu, pereżempju, juru s-sjieda ta' liċenzja tas-sewqan valida maħruġa minn awtorità fi Stat Membru wieħed, li tista' tiġi vverifikata u invokata mill-awtoritajiet rilevanti fi Stati Membri oħra, u jiddependu fuq il-kredenzjali tas-sigurtà soċjali tagħhom jew fuq dokumenti diġitali futuri tal-ivvjaġġar f'kuntast transfruntier.
- (27) Kwalunkwe entità li tiġbor, toħloq u toħroġ attributi attestati bħal diplomi, liċenzji, u ċertifikati tat-twelid jenħtieġ li tkun tista' ssir fornitur ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi. Il-partijiet dipendenti jenħtieġ li jużaw l-attezzazzjonijiet elettroniċi tal-attributi bħala ekwivalenti għall-attezzazzjonijiet f'forma stampata. Għalhekk, attestazzjoni elettronika tal-attributi jenħtieġ li ma tiġix miċħuda effett legali minħabba li tkun f'forma elettronika jew li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-attezzazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti ġenerali biex jiġi żgurat li attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi jkollha l-effett legali ekwivalenti ta' attestazzjonijiet maħruġa legalment f'forma stampata. Madankollu, dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni jew għal-liġi nazzjonali li jiddefinixxu rekwiżiti addizzjonali speċifiċi għas-settur fir-rigward tal-forma b'effetti legali sottostanti u, b'mod partikolari, għar-rikonoxximent transfruntier ta' attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi, meta jkun xieraq.

- (28) Id-disponibbiltà u l-użu wiesgħa tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jirrikjedu l-aċċettazzjoni tagħhom mill-fornituri ta' servizzi privati. Partijiet dipendenti privati li jipprovdu servizzi fl-oqsma tat-trasport, tal-enerġija, tal-ibbankjar, tas-servizzi finanzjarji, tas-sigurtà soċjali, tas-saħħa, tal-ilma tax-xorb, tas-servizzi postali, tal-infrastruttura diġitali, tal-edukazzjoni jew tat-telekomunikazzjoni jenħtieġ li jaċċettaw l-użu ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għall-forniment ta' servizzi fejn awtentikazzjoni b'saħħitha tal-utenti tkun meħtieġa bil-liġi nazzjonali jew bid-dritt tal-Unjoni jew minn obbligu kuntrattwali. Biex jiġu ffaċilitati l-użu u l-aċċettazzjoni tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, jenħtieġ li jitqiesu l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet aċċettati b'mod wiesa' tal-industrija. Meta pjattaformi online kbar ħafna kif definit fl-Artikolu 25.1. tar-Regolament [żid referenza għar-Regolament DSA] jirrikjedu li l-utenti jawtentikaw biex jaċċessaw is-servizzi online, dawk il-pjattaformi jenħtieġ li jingħataw mandat biex jaċċettaw l-użu ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali fuq talba volontarja tal-utent. Jenħtieġ li l-utenti ma jkollhom l-ebda obbligu li jużaw il-Kartiera biex jaċċessaw is-servizzi privati, iżda jekk jixtiequ jagħmlu dan, il-pjattaformi online kbar jenħtieġ li jaċċettaw il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għal dan il-fini filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data. Minħabba l-importanza tal-pjattaformi online kbar ħafna, minħabba l-firxa tagħhom, b'mod partikolari kif espress fl-għadd ta' riċevituri ta' tranżazzjonijiet ta' servizzi u dawk ekonomiċi, dan huwa meħtieġ biex tiżdied il-protezzjoni tal-utenti mill-frodi u jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data. Jenħtieġ li jiġu żviluppati kodiċijiet tal-kondotta awtoregolatorji fil-livell tal-Unjoni ("kodiċijiet tal-kondotta") biex jikkontribwixxu għal disponibbiltà u użu wiesgħa tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika inkluż il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-kodiċijiet tal-kondotta jenħtieġ li jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni wiesgħa tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika inkluż il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali minn dawk il-fornituri tas-servizzi li ma jikkwalifikawx bħala pjattaformi kbar ħafna u li jiddependu fuq servizzi ta' identifikazzjoni elettronika ta' partijiet terzi għall-awtentikazzjoni tal-utenti. Dawn jenħtieġ li jiġu żviluppati fi żmien 12-il xahar mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-effettività ta' dawn id-dispożizzjonijiet għad-disponibbiltà u l-użu għall-utent tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali wara 24 xahar mill-iskjerament tagħhom.

- (29) L-iżvelar selettiv huwa kunċett li jagħti s-setgħa lis-sid tad-data li jiżvela biss ċerti partijiet ta' sett akbar ta' data, sabiex l-entità riċeventi tikseb biss informazzjoni li tkun meħtieġa, eż. biex utent jiżvela biss data lil parti dipendenti li tkun meħtieġa għall-forniment ta' servizz mitlub minn utent. Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jenħtieġ li tippermetti b'mod tekniku l-iżvelar selettiv tal-attributi lill-partijiet dipendenti. Tali attributi żvelati b'mod selettiv, inkluż meta oriġinarjament partijiet minn attestazzjonijiet elettroniċi distinti multipli, jistgħu sussegwentement jiġu kkombinati u ppreżentati lill-partijiet dipendenti. Din il-karatteristika jenħtieġ li ssir karatteristika bażika tat-tfassil u b'hekk jissaħħu l-konvenjenza u l-protezzjoni tad-data personali inkluż il-minimizzazzjoni tad-data.
- (30) L-attributi pprovduti mill-fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji bħala parti mill-attezzjoni kwalifikata tal-attributi jenħtieġ li jiġu vverifikati mas-sorsi awtentiċi jew direttament mill-fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji jew permezz ta' intermedjarji maħtura rikonoxxuti fil-livell nazzjonali f'konformità mal-liġi nazzjonali jew mad-dritt tal-Unjoni għall-fini ta' skambju sigur ta' attributi attestati bejn il-fornituri tas-servizzi u l-partijiet dipendenti tal-identità jew tal-attezzjoni tal-attributi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa fil-livell nazzjonali biex jiżguraw li l-fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji li joħorġu attestazzjoni elektronika kwalifikata tal-attributi jkunu jistgħu, abbażi tal-kunsens tal-persuna li lilha tkun inħarġet l-attezzjoni, jivverifikaw l-awtentiċità tal-attributi abbażi ta' sorsi awtentiċi. Mekkaniżmi xierqa jistgħu jinkludu l-użu ta' intermedjarji jew soluzzjonijiet tekniċi speċifiċi f'konformità mal-liġi nazzjonali li jippermettu aċċess għal sorsi awtentiċi. L-iżgurar tad-disponibbiltà ta' mekkaniżmu li jippermetti l-verifika tal-attributi kontra sorsi awtentiċi jenħtieġ li jiffaċilita l-konformità tal-fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji ta' attestazzjoni elektronika kwalifikata tal-attributi mal-obbligi tagħhom stabbiliti b'dan ir-Regolament. L-Anness VI fih lista ta' kategoriji ta' attributi li għalihom l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jittieħdu miżuri biex il-fornituri kwalifikati ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi jkunu jistgħu jivverifikaw b'mezzi elettroniċi, fuq talba tal-utent, l-awtentiċità tagħhom kontra s-sorsi awtentiku rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jaqblu dwar attributi speċifiċi li jaqgħu f'dawn il-kategoriji.

- (31) L-identifikazzjoni elettronika sigura u l-forniment ta' attestazzjoni tal-attributi jenħtieġ li joffru flessibbiltà u soluzzjonijiet addizzjonali għas-settur tas-servizzi finanzjarji biex jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni tal-klijenti u l-iskambju ta' attributi speċifiċi meħtieġa għall-konformità ma', pereżempju, ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta tal-klijenti skont ir-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, [għandha tiżdied referenza wara l-adozzjoni tal-proposta], b'rekwiżiti tal-adeqwatezza li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-investitur, jew biex jiġi appoġġat l-issodisfar ta' rekwiżiti b'saħħithom tal-awtentikazzjoni tal-konsumaturi għall-identifikazzjoni online għall-finijiet tad-dħul fil-kontijiet u tal-bidu ta' tranżazzjonijiet fil-qasam tas-servizzi ta' pagament.
- (31a) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-prattiki ta' ċertifikazzjoni madwar l-UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ linji gwida dwar iċ-ċertifikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi u ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' siġilli elettroniċi, inkluż il-validità u l-limitazzjonijiet tagħhom fiż-żmien. Dan ir-regolament ma jwaqqafx lill-Istati Membri milli jippermettu lill-korpi pubbliċi jew privati li jkunu ċċertifikaw apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi biex jestendu temporanjament il-validità ta' ċ-ċertifikazzjoni meta ċertifikazzjoni mill-ġdid tal-istess apparat ma tkunx tista' ssir fil-perjodu ta' żmien definit legalment għal raġuni għajr ksur jew inċident ta' sigurtà, u mingħajr preġudizzju għall-prattika ta' ċertifikazzjoni applikabbli.

- (32) Is-servizzi ta' awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi jipprovdu lill-utenti b'assigurazzjoni ta' livell għoli li hemm entità ġenwina u leġittima wara s-sit elettroniku, irrispettivament mill-pjattaforma użata biex turiha. Dawk is-servizzi jikkontribwixxu għall-bini tal-fiduċja u l-kunfidenza fit-twettiq ta' negozju online u għat-tnaqqis ta' każijiet ta' frodi online. L-użu tas-servizzi ta' awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi minn siti elettroniċi jenħtieġ li jkun volontarju. Madankollu, biex l-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi ssir mezz biex tiżdied il-fiduċja, filwaqt li tipprovdi esperjenza aħjar għall-utent u tkattar it-tkabbir fis-suq intern, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi obbligi minimi tas-sigurtà u tar-responsabbiltà għall-fornituri ta' servizzi ta' awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi u għas-servizzi tagħhom. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-fornituri tal-web-browsers jiżguraw appoġġ u interoperabbiltà maċ-ċertifikati kwalifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014. Jenħtieġ li jirrikonoxxu ċertifikati kwalifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi u jippermettu l-wiri tad-data tal-identità ċċertifikata lill-utent finali fl-ambjent tal-brawżer ibbażat fuq l-ispeċifikazzjonijiet stipulati f'konformità ma' dan ir-Regolament. Irrikonoxximent ta' ċertifikat kwalifikat għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi bħala ċertifikat kwalifikat maħruġ minn fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji jenħtieġ li jiżgura li d-data tal-identità inkluża fiċ-ċertifikat tista' tiġi awtentikata u vverifikata f'konformità ma' dan ir-Regolament. Dan ma għandux jaffettwa l-possibbiltà li l-fornituri ta' brawżers tal-internet jindirizzaw nuqqasijiet ta' konformità ewlenin relatati mal-ksur tas-sigurtà u t-telf tal-integrità taċ-ċertifikati individwali, u b'hekk jikkontribwixxu għas-sigurtà online tal-utenti finali. Biex ikomplu jipproteġu liċ-ċittadini u jippromwovu l-użu tagħhom, l-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw l-inkorporazzjoni taċ-ċertifikati kwalifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi fis-siti elettroniċi tagħhom.

- (33) Ħafna Stati Membri introduċew rekwiżiti nazzjonali għal servizzi li jipprovdu arkivjar diġitali sigur u affidabbli sabiex jippermettu l-preservazzjoni fit-tul ta' data elettronika u servizzi fiduċjarji assoċjati. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali, il-fiduċja u l-armonizzazzjoni fl-Istati Membri kollha, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas legali għal servizzi ta' arkivjar elettroniku kwalifikat, ispirat mill-qafas tas-servizzi fiduċjarji l-oħra stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dan il-qafas joffri lill-fornituri ta' servizzi fiduċjarji u lill-utenti, sett ta' għodod effiċjenti li jinkludi rekwiżiti funzjonali għas-servizz ta' arkivjar elettroniku, kif ukoll effetti legali ċari meta jintuża servizz ta' arkivjar elettroniku kwalifikat. Jenħtieġ li dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw kemm għal dokumenti mibdija elettronikament kif ukoll għal dokumenti stampati li jkunu ġew skennjati u diġitalizzati. Meta jkun meħtieġ, dawn id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jippermettu li d-data elettronika preservata tiġi ttrasferita fuq mezzi jew formati differenti bl-għan li jiġu estiżi d-durabbiltà u l-leġibbiltà tagħha lil hinn mill-perjodu ta' validità teknoloġika, filwaqt li jiġu minimizzati kemm jista' jkun it-telf u l-alterazzjoni. Meta data elettronika sottomessa għas-servizz ta' arkivjar diġitali jkun fiha firma elettronika kwalifikata waħda jew aktar jew siġill elettroniku kwalifikat wieħed jew aktar, jenħtieġ li s-servizz juża proċeduri u teknoloġiji li kapaċi jestendu l-affidabbiltà ta' dawn għall-perjodu ta' preservazzjoni ta' tali data, possibbilment bl-użu ta' servizzi fiduċjarji elettroniċi kwalifikati oħra stabbiliti b'dan ir-Regolament. Għall-ħolqien ta' evidenza ta' preservazzjoni fejn jintużaw firem elettroniċi, siġilli elettroniċi jew timbri tal-ħin elettroniċi, jenħtieġ li jintużaw servizzi fiduċjarji elettroniċi kwalifikati. Sa fejn is-servizzi ta' arkivjar elettroniku mhumiex armonizzati b'dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, fir-rigward ta' dawk is-servizzi, bħal dispożizzjonijiet speċifiċi li jippermettu xi derogi għal servizzi integrati f'organizzazzjoni u użati strettament għal "arkivji interni" ta' din l-organizzazzjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jagħmilx distinzjoni bejn dokumenti mibdija elettronikament u dokumenti fiżiċi li jkunu ġew diġitalizzati.

- (33a) L-arkivji nazzjonali u l-istituzzjonijiet ta' memorja, fil-kapaċità tagħhom bħala organizzazzjonijiet iddedikati għall-preservazzjoni ta' patrimonju dokumentarju fl-interess pubbliku, normalment jingħataw il-mandat li jwettqu l-attivitajiet tagħhom skont il-liġi nazzjonali u mhux neċessarjament jipprovdu servizzi fiduċjarji skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. Sa fejn dawn l-istituzzjonijiet ma jipprovdux tali servizzi, dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-operat tagħhom.
- (34) Ir-reġistri elettroniċi huma sekwenza ta' rekords ta' data elektronika li jiżguraw l-integrità tagħhom u l-preċiżjoni tal-ordni kronoloġika tagħhom. L-iskop tar-reġistri elettroniċi huwa li tiġi stabbilita sekwenza kronoloġika tar-rekords tad-data biex jiġi evitat li l-assi diġitali jiġu kkupjati u mibjugħa lil diversi riċevituri. Ir-reġistri elettroniċi jistgħu, pereżempju, jintużaw għal rekords diġitali tas-sjeda fil-kummerċ globali, il-finanzzjament tal-katina tal-provvista, id-diġitalizzazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew ta' komoditajiet bħall-elettriku. Flimkien ma' teknoloġiji oħra, dawn jistgħu jikkontribwixxu biex jinstabu soluzzjonijiet għal servizzi pubbliċi aktar effiċjenti u trasformattivi bħall-votazzjoni elektronika, il-kooperazzjoni transfruntiera tal-awtoritajiet doganali, il-kooperazzjoni transfruntiera tal-istituzzjonijiet akkademiċi, jew ir-reġistrazzjoni tas-sjeda għall-proprjetà immobbli f'reġistri deċentralizzati tal-artijiet. Ir-reġistri elettroniċi kwalifikati jgħolqu preżunzjoni legali għall-ordni kronoloġika sekwenzjali unika u preċiża u l-integrità tar-rekords tad-data fir-reġistru. L-attributi speċifiċi tar-reġistri elettroniċi, jiġifieri l-ordni kronoloġika sekwenzjali tar-rekords tad-data, jagħmlu distinzjoni bejn ir-reġistri elettroniċi u servizzi fiduċjarji oħra bħal timbri tal-ħin elettroniċi u servizzi elettroniċi ta' konsenja reġistrata. Jiġifieri, la l-ittimbrar tal-ħin tad-dokumenti diġitali, u lanqas it-trasferiment tagħhom permezz ta' servizzi elettroniċi ta' konsenja reġistrata ma jistgħu, mingħajr miżuri tekniċi jew organizzattivi ulterjuri, jipprevjenu b'mod suffiċjenti li l-istess assi diġitali jiġu kkupjati u mibjugħa aktar minn darba lil partijiet differenti. Il-proċess tal-ħolqien u l-aġġornament ta' reġistru elektroniku jiddependi mit-tip ta' reġistru użat (ċentralizzat jew distribwit).

- (35) Biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas legali pan-Ewropew li jippermetti r-rikonoxximent transfruntier tas-servizzi fiduċjarji għar-reġistrazzjoni ta' data f'reġistri elettroniċi kwalifikati. Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji għar-reġistri elettroniċi jingħataw il-mandat li jaċċertaw ir-reġistrazzjoni sekwenzjali tad-data fir-reġistru. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu legali li l-utenti tar-reġistri elettroniċi jista' jkollhom bżonn jikkonformaw miegħu skont id-dritt tal-Unjoni u l-liġi nazzjonali. Pereżempju, il-każijiet ta' użu li jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali jenħtieġ li jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2016/679. Il-każijiet ta' użu li jinvolvu l-kriptoassi jenħtieġ li jkunu kompatibbli mar-regoli finanzjarji applikabbli kollha inkluż, pereżempju, id-Direttiva dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji¹¹, id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament¹², id-Direttiva dwar il-Flus Elettronici¹³, kif ukoll ma' leġiżlazzjoni futura possibbli dwar is-Swieq fil-Kriptoassi u mar-regoli kontra l-ħasil tal-flus li jistgħu jiġu inklużi fir-Regolament dwar it-Trasferiment ta' Fondi¹⁴, u jistgħu jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi tal-kriptoassi jivverifikaw l-identità tal-utenti tar-reġistri elettroniċi sabiex jikkonformaw mal-istandards internazzjonali kontra l-ħasil tal-flus.

¹¹ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349–496.

¹² Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35–127.

¹³ Id-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE, ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7–17.

¹⁴ Ara l-[proposta tal-Kummissjoni tal-20.7.2021 għar-riformulazzjoni](#) tar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi, COM/2021/422 final.

- (36) Biex jiġu evitati l-frammentazzjoni u l-ostakli, minħabba standards diverġenti u restrizzjonijiet tekniċi, u biex jiġi żgurat proċess koordinat biex jiġi evitat li tiġi pperikolata l-implimentazzjoni tal-qafas Ewropew futur tal-Identità Diġitali, huwa meħtieġ proċess għal kooperazzjoni mill-qrib u strutturata bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-settur privat. Biex jintlaħaq dan l-oġġettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw fil-qafas stabbilit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni XXX/XXXX [Sett ta' għodod għal approċċ koordinat għal Qafas Ewropew tal-Identità Diġitali]¹⁵ biex jiġi identifikat Sett ta' Għodod għal qafas Ewropew tal-Identità Diġitali. Is-Sett ta' Għodod jenħtieġ li jinkludi arkitettura teknika komprensiva u qafas ta' referenza, sett ta' standards komuni u referenzi tekniċi u sett ta' linji gwida u deskrizzjonijiet tal-aħjar prattiki li jkopru mill-inqas l-aspetti kollha tal-funzjonalitajiet u l-interoperabbiltà tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, inkluż il-firem elettroniki, u tas-servizz fiduċjarju kwalifikat għall-attestazzjoni tal-attributi kif stabbilit f'dan ir-Regolament. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li jilhqqu wkoll ftehim dwar l-elementi komuni ta' mudell kummerċjali u struttura tat-tariffi tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, biex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni, b'mod partikolari minn kumpaniji żgħar u medji f'kuntest transfruntier. Il-kontenut tas-sett ta' għodod jenħtieġ li jevolvi b'mod parallel ma' u jirrifletti l-eżitu tad-diskussjoni u tal-proċess tal-adozzjoni tal-qafas Ewropew tal-Identità Diġitali.
- (36a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar penali għal ksur bħal prattiki diretti jew indiretti li jwasslu għal konfużjoni bejn servizzi fiduċjarji mhux kwalifikati u dawk kwalifikati jew għall-użu abbużiv tal-marka fiduċjarja tal-UE minn fornituri ta' servizzi fiduċjarji mhux kwalifikati. Jenħtieġ li l-marka fiduċjarja tal-UE ma tintużax taħt kondizzjonijiet li, direttament jew indirettament, iwasslu biex wieħed jemmen li kwalunkwe servizz fiduċjarju mhux kwalifikat offrut minn dan il-fornitur huwa kwalifikat.

¹⁵ [daħħal referenza ladarba jiġi adottat]

- (36b) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura livell armonizzat ta' kwalità, affidabbiltà u sigurtà tas-servizzi fiduċjarji kwalifikati, irrISPettivament mill-post fejn jitwettqu l-operazzjonijiet. Għalhekk jenħtieġ li fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat jitħalla jesternalizza l-operazzjonijiet tiegħu relatati mal-forniment ta' servizz fiduċjarju kwalifikat barra mill-Unjoni, jekk jipprovdi l-garanziji, filwaqt li jiżgura li l-attivitajiet superviżorji u l-awditi jistgħu jiġu infurzati daqslikieku dawn l-operazzjonijiet twettqu fl-Unjoni. Meta l-konformità mar-Regolament ma tkunx tista' tiġi żgurata kompletament, jenħtieġ li l-korpi superviżorji jkunu jistgħu jadottaw miżuri proporzjonati u ġustifikati inkluż l-irtirar tal-istatus kwalifikat tas-servizz fiduċjarju provdut.
- (36c) Sabiex tiġi żgurata ċertezza legali fir-rigward tal-validità ta' firem elettroniċi avvanzati abbażi ta' ċertifikati kwalifikati, huwa essenzjali li jiġu speċifikati l-komponenti ta' firma elektronika avvanzata li għandhom jiġu vvalutati mill-parti dipendenti li twettaq il-validazzjoni ta' dik il-firma.
- (36d) Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji jużaw algoritmi kriptografiċi li jirriflettu l-aħjar prattiki attwali u implimentazzjonijiet affidabbli ta' dawn l-algoritmi sabiex jiżguraw is-sigurtà u l-affidabbiltà tas-servizzi fiduċjarji tagħhom.
- (36e) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi obbligu għall-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati li jivverifikaw l-identità ta' persuna fiżika jew ġuridika li lilha jinħareġ iċ-ċertifikat kwalifikat abbażi ta' diversi metodi armonizzati madwar l-UE. Tali metodu jista' jinkludi d-dipendenza fuq mezzi ta' identifikazzjoni elektronika li tissodisfa r-rekwiżiti tal-livell ta' assigurazzjoni "sostanzjali" flimkien ma' proċeduri mill-bogħod armonizzati addizzjonali li jiżguraw l-identifikazzjoni tal-persuna b'livell għoli ta' fiduċja.

- (36f) L-emittenti tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali u l-emittenti ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati li jaġixxu f'kapaċità kummerċjali jew professjonali u jużaw servizzi ewlenin ta' pjattaforma offruti minn gwardjani għall-fini li jipprovdu oġġetti u servizzi lill-utenti finali jew waqt li jkunu qed jipprovdu oġġetti u servizzi lill-utenti finali, jenħtieġ li jitqiesu bħala utenti kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 2(21) tar-Regolament (UE) 2022/1925. Għaldaqstant jenħtieġ li l-gwardjani jkunu meħtieġa jiżguraw, mingħajr ħlas, interoperabbiltà effettiva mal-istess karatteristiċi tas-sistema operattiva, tal-hardware jew tas-software bħal dawk li huwa disponibbli jew użati fil-forniment tas-servizzi u l-hardware komplimentari u ta' appoġġ tagħhom stess, kif ukoll aċċess, għall-finijiet ta' interoperabbiltà, għal dawn il-karatteristiċi. Jenħtieġ li dan jippermetti lill-emittenti tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali u lill-emittenti ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati jagħmlu interkonnessjoni permezz ta' interfaċċi jew soluzzjonijiet simili għall-karatteristiċi rispettivi b'mod daqstant effettiv daqs is-servizzi jew il-hardware tal-gwardjan stess.
- (36g) Sabiex dan ir-Regolament jinżamm konformi mal-iżviluppi attwali u biex jiġu segwiti l-prattiki dwar is-suq intern, l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni jenħtieġ li jiġu riveduti u jekk meħtieġ aġġornati fuq bażi regolari. Jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-ħtieġa ta' dawn l-aġġornamenti tqis teknoloġiji, Prattiki, standards jew speċifikazzjonijiet tekniċi ġodda li haġġu fis-suq intern.
- (37) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1525 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶.
- (38) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 910/2014 jiġi emendat skont dan,

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 910/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u jipprovdi livell adegwat ta' sigurtà tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika u tas-servizzi fiduċjarji. Għal dawn il-finijiet, dan ir-Regolament:

- (aa) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li skonthom l-Istati Membri għandhom jipprovdu u jirrikonoxxu l-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li jaqgħu taħt skema ta' identifikazzjoni elettronika notifikata ta' Stat Membru ieħor;
- (ab) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li skonthom l-Istati Membri jipprovdu u jirrikonoxxu l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali;
- (b) jistabbilixxi regoli għas-servizzi fiduċjarji, b'mod partikolari għat-tranżazzjonijiet elettroniċi;
- (c) jistabbilixxi qafas legali għall-firem elettroniċi, is-siġilli elettroniċi, it-timbri tal-ħin elettroniċi, id-dokumenti elettroniċi, is-servizzi elettroniċi ta' konsenja reġistrata, is-servizzi ta' ċertifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi, il-validazzjoni elettronika ta' firem elettroniċi, siġilli elettroniċi u ċ-ċertifikati tagħhom, il-validazzjoni elettronika ta' ċertifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi, il-preservazzjoni elettronika ta' firem elettroniċi, siġilli elettroniċi u ċ-ċertifikati tagħhom, l-arkivjar elettroniku, l-attestazzjoni elettronika tal-attributi, il-ġestjoni ta' apparati għall-ħolqien ta' firem u siġilli elettroniċi kwalifikati mill-bogħod, u r-reġistri elettroniċi;

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Dan ir-Regolament japplika għall-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika li ġew innotifikati minn Stat Membru, għall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali provduti mill-Istati Membri u għall-fornituri ta' servizzi fiduċjarji stabbiliti fl-Unjoni.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-liġi nazzjonali jew id-dritt tal-Unjoni dwar il-konklużjoni u l-validità ta' kuntratti jew obbligi legali jew proċedurali oħra relatati mal-forma jew ma' rekwiżiti speċifiċi għas-settur fir-rigward tal-forma.";

(3) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(X) il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(1) "identifikazzjoni elettronika" tfisser il-proċess tal-użu ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna f'forma elettronika li tkun tirrappreżenta b'mod esklussiv persuna fiżika jew ġuridika, jew persuna fiżika li tkun qed tirrappreżenta persuna fiżika jew ġuridika;

(a) il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(2) "mezz ta' identifikazzjoni elettronika" tfisser unità fiżika u/jew mhux fiżika, inkluż Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, li jkun fiha data ta' identifikazzjoni ta' persuna, u li tintuża għall-awtentikazzjoni għal servizz online jew, fejn adatt, għal servizz offline;"

(aa) il-punt (3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

- (3) "data ta' identifikazzjoni ta' persuna" tfisser sett ta' data, maħruġ f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali, li permezz tiegħu tkun tista' tiġi stabbilita l-identità ta' persuna fiżika jew ġuridika jew ta' persuna fiżika li tkun qed tirrappreżenta persuna fiżika jew ġuridika.

(b) il-punt (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

- (4) "skema ta' identifikazzjoni elettronika" tfisser sistema għall-identifikazzjoni elettronika li permezz tagħha jinħarġu mezzi ta' identifikazzjoni elettronika lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew lil persuni fiżiċi li jkunu qed jirrappreżentaw persuni fiżiċi jew ġuridiċi;"

(ba) il-punt (5) huwa sostitwit b'dan li ġej:

- (5) "awtentikazzjoni" tfisser proċess elettroniku li jippermetti l-konferma tal-identifikazzjoni elettronika ta' persuna fiżika jew ġuridika, jew tal-orijini u l-integrità ta' data f'forma elettronika;

(bb) jiddaħħal il-punt (5a) li ġej:

- (5a) "utent" tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew persuna fiżika li tirrappreżenta persuna fiżika jew ġuridika, li tuża servizzi fiduċjarji jew mezzi ta' identifikazzjoni elettronika, provduti skont dan ir-Regolament;

(c) il-punt (14) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(14) "ċertifikat għal firma elettronika" tfisser attestazzjoni elettronika jew sett ta' attestazzjonijiet li jikkollegaw data dwar il-validazzjoni ta' firma elettronika ma' persuna fiżika u jikkonfermaw mill-inqas l-isem jew il-psewdonimu ta' dik il-persuna;"

(d) il-punt (16) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(16) "servizz fiduċjarju" tfisser servizz elettroniku normalment provdut bi ħlas li jikkonsisti minn:

(a) il-ħruġ ta' ċertifikati għal firem elettroniċi, ta' ċertifikati għal siġilli elettroniċi, ta' ċertifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi jew ta' ċertifikati għall-forniment ta' servizzi fiduċjarji oħra;

(aa) il-validazzjoni ta' ċertifikati għal firem elettroniċi, ta' ċertifikati għal siġilli elettroniċi, ta' ċertifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi jew ta' ċertifikati għall-forniment ta' servizzi fiduċjarji oħra;

(b) il-ħolqien ta' firem elettroniċi jew ta' siġilli elettroniċi;

(c) il-validazzjoni ta' firem elettroniċi jew ta' siġilli elettroniċi;

(d) il-preservazzjoni ta' firem elettroniċi, ta' siġilli elettroniċi, ta' ċertifikati għall-firem elettroniċi jew ta' ċertifikati għas-siġilli elettroniċi;

(e) il-ġestjoni ta' apparati għall-ħolqien ta' firem elettroniċi kwalifikati mill-bogħod jew ta' apparati għall-ħolqien ta' siġilli elettroniċi kwalifikati mill-bogħod;

(f) il-ħruġ ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi;

- (fa) il-validazzjoni ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi;
- (g) il-ħolqien ta' timbri tal-ħin elettroniċi;
- (ga) il-validazzjoni ta' timbri tal-ħin elettroniċi;
- (gb) il-forniment ta' servizzi elettroniċi ta' konsenja reġistrata;
- (gc) il-validazzjoni ta' data trażmessa permezz ta' servizzi elettroniċi ta' konsenja reġistrata u evidenza relatata;
- (h) l-arkivjar elettroniku ta' data elettronika; jew
- (i) ir-reġistrazzjoni ta' data elettronika f'reġistru elettroniku;

(da) il-punt (18) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(18) "korp tal-valutazzjoni tal-konformità" tfisser korp kif definit fil-punt 13 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, li huwa akkreditat f'konformità ma' dak ir-Regolament bħala kompetenti biex iwettaq valutazzjoni tal-konformità ta' fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat u tas-servizzi fiduċjarji kwalifikati li jipprovdi, jew biex iwettaq iċ-ċertifikazzjoni ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali jew ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika;

(e) il-punt (21) huwa sostitwit b'dan li ġej:

(21) "prodott" tfisser hardware jew software, jew komponenti rilevanti ta' hardware u/jew software, li huma maħsuba biex jintużaw għall-forniment ta' identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji;"

(f) jiddaħħlu l-punti (23a) u (23b) li ġejjin:

"(23a) "apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi mill-bogħod" tfisser apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi ġestit minn fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat f'konformità mal-Artikolu 29a f'isem firmatarju;

"(23b) "apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' siġilli elettroniċi mill-bogħod" tfisser apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' siġilli elettroniċi ġestit minn fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat f'konformità mal-Artikolu 39a f'isem kreatur ta' siġilli;

(g) il-punt (29) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(29) "ċertifikat għal siġill elettroniku" tfisser attestazzjoni elektronika li tikkollega data dwar il-validazzjoni ta' siġill elettroniku ma' persuna ġuridika u tikkonfermaw l-isem ta' dik il-persuna;"

(h) il-punt (41) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(41) "validazzjoni" tfisser il-proċess tal-verifika u l-konferma li d-data f'forma elektronika hija valida skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament";

(i) jiżdiedu l-punti (42) sa (55b) li ġejjin:

"(42) "Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali" hija mezz ta' identifikazzjoni elektronika li jippermetti lill-utent jaħżen u jirkupra data tal-identità, inkluż data ta' identifikazzjoni ta' persuna, attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi marbuta mal-identità tagħhom, biex jipprovdihom lil partijiet dipendenti fuq talba u biex jużahom għall-awtentikazzjoni, online u, fejn xieraq, offline, ta' servizz f'konformità mal-Artikolu 6a; u jippermetti li wieħed jiffirma permezz ta' firem elettroniċi kwalifikati u jissiġilla permezz ta' siġilli elettroniċi kwalifikati;"

- (43) "attribut" jirrappreżenta l-karatteristika, il-kwalità, id-dritt jew il-permess ta' persuna fiżika jew ġuridika jew ta' oġġett;
- (44) "attestazzjoni elettronika tal-attributi" tfisser attestazzjoni f'forma elettronika li tippermetti l-awtentikazzjoni tal-attributi;
- (45) "attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi" tfisser attestazzjoni elettronika tal-attributi, li tinħareġ minn fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat u tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V;
- (45a) "attestazzjoni elettronika tal-attributi maħruġa minn jew fisem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku" tfisser attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi maħruġa minn korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku jew minn korp tas-settur pubbliku maħtur mill-Istat Membru biex joħroġ tali attestazzjonijiet tal-attributi fisem il-korpi tas-settur pubbliku responsabbli għal sorsi awtentiċi f'konformità mal-Artikolu 45da u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VII;
- (46) "sors awtentiku" huwa repożitorju jew sistema, miżmuma taħt ir-responsabbiltà ta' korp tas-settur pubbliku jew ta' entità privata, li jkun fiha u tipprovdi attributi dwar persuna fiżika jew ġuridika u li titqies is-sors primarju ta' dik l-informazzjoni jew hija rikonoxxuta bħala awtentika f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew mal-liġi nazzjonali, inkluż prattika amministrattiva;
- (47) "arkivjar elettroniku" tfisser servizz li jiżgura r-riċeviment, il-ħżin, l-irkupru u t-tħassir ta' data elettronika sabiex jiġu ggarantiti d-durabbiltà u l-leġibbiltà tagħha kif ukoll biex jiġu ppreservati l-integrità, il-kunfidenzjalità u l-prova tal-oriġini tagħha matul il-perjodu ta' preservazzjoni;

- (48) "servizz ta' arkivjar elettroniku kwalifikat" tfisser servizz ta' arkivjar elettroniku li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45ga;
- (49) "Marka Fiduċjarja tal-UE għall-Kartieri tal-Identità Diġitali" tfisser indikazzjoni verifikabbli f'forma sempliċi, rikonoxxibbli u ċara li turi li nħarġet Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali f'konformità ma' dan ir-Regolament;
- (50) "awtentikazzjoni b'saħħitha tal-utent" tfisser awtentikazzjoni bbażata fuq l-użu ta' mill-inqas żewġ fatturi ta' awtentikazzjoni minn kategoriji differenti tal-ġharfien (xi ħaġa li jaf biss l-utent), il-pussess (xi ħaġa li għandu biss l-utent) jew l-inerenza (xi ħaġa li hija parti mill-identità tal-utent) li jkunu indipendenti, b'tali mod li l-ksur ta' wieħed ma jikkompromettix l-affidabbiltà tal-oħrajn, u hija mfassla b'tali mod li tipproteġi l-kunfidenzjalità tad-data ta' awtentikazzjoni;
- (53) "reġistru elettroniku" tfisser sekwenza ta' rekords ta' data elektronika, li tiżgura l-integrità tagħhom u l-preċiżjoni tal-ordni kronoloġika tagħhom";
- (53a) "reġistru elettroniku kwalifikat" tfisser reġistru elettroniku li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 45i;
- (54) "data personali" tfisser kwalunkwe informazzjoni kif definita fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679";
- (55) "tqabbil tar-rekords" tfisser proċess fejn id-data ta' identifikazzjoni ta' persuna, il-mezzi ta' identifikazzjoni ta' persuna, l-attestazzjoni elektronika kwalifikata tal-attributi jew l-attestazzjonijiet tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku jitqabblu jew jiġu kkollegati ma' kont eżistenti li jappartjeni għall-istess persuna";

- (55a) "identifikatur uniku u persistenti" tfisser identifikatur li jista' jikkonsisti minn data ta' identifikazzjoni nazzjonali jew settorjali unika jew multipla, li jkun assoċjat ma' utent wieħed f'sistema partikolari u persistenti matul iż-żmien;
- (55b) "rekord tad-data" tfisser data elettronika reġistrata b'metadati (jew attributi) relatata li tappoġġa l-ipproċessar tad-data.
- (55c) "użu offline tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali" tfisser interazzjoni bejn utent u parti dipendenti f'post fiżiku, fejn il-Kartiera ma tkunx meħtieġa taċċessa sistemi remoti permezz ta' networks ta' komunikazzjoni elettronika għall-fini tal-interazzjoni.

"Artikolu 5

Psewdonimi fi tranżazzjoni elettronika

Mingħajr preġudizzju għall-effett legali mogħti lil psewdonimi skont il-liġi nazzjonali, l-użu tal-psewdonimi fi tranżazzjonijiet elettroniċi ma għandux jiġi pprojbit.";

- (5) fil-Kapitolu II tiddaħħal l-intestatura li ġejja qabel l-Artikolu 6a:

"TAQSIMA I

Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali;

(7) jiddaħħlu l-Artikoli (6a, 6b, 6c u 6d) li ġejjin:

"Artikolu 6a

Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali

1. Għall-fini li jiġi żgurat li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha fl-Unjoni jkollhom aċċess transfruntier sigur, affidabbli u mingħajr xkiel għas-servizzi pubbliċi u privati, kull Stat Membru għandu jiżgura li tiġi provduta Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali fi żmien 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 11 u fl-Artikolu 6c(4).
2. Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandhom jiġu provduti:
 - (a) minn Stat Membru;
 - (b) skont mandat minn Stat Membru; jew
 - (c) b'mod indipendenti minn Stat Membru iżda rikonoxxuti minn Stat Membru.
3. Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali huma mezzi ta' identifikazzjoni elettronika li għandhom jippermettu lill-utent, b'mod li jkun trasparenti u traċċabbli mill-utent biex:
 - (a) jitlob, jagħżel, jikkombina, jaħżen, iħassar u jippreżenta b'mod sigur attestazzjoni elettronika tal-attributi u data ta' identifikazzjoni ta' persuna lil partijiet dipendenti, inkluż għall-awtentikazzjoni online u, fejn xieraq, offline sabiex juża servizzi pubbliċi u privati, filwaqt li jiġi żgurat li l-iżvelar selettiv tad-data jkun possibbli;
 - (b) jiffirma permezz ta' firem elettroniċi kwalifikati u jissiġilla permezz ta' siġilli elettroniċi kwalifikati.

4. Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandhom, b'mod partikolari:

(a) jipprovdu sett ta' interfaċċi komuni:

- (1) għall-ħruġ ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna, attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati u mhux kwalifikati tal-attributi jew ċertifikati kwalifikati u mhux kwalifikati għall-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali;
- (2) għal partijiet dipendenti biex jitolbu data ta' identifikazzjoni ta' persuna u attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi;
- (3) għall-preżentazzjoni ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna jew attestazzjoni elektronika tal-attributi online u, fejn xieraq, offline wkoll, lil partijiet dipendenti;
- (4) għall-utent biex jippermetti interazzjoni mal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali u juri "Marka Fiduċjarja tal-UE għall-Kartieri tal-Identità Diġitali";

(b) ma jipprovdu l-ebda informazzjoni lill-fornituri ta' servizzi fiduċjarji ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi dwar l-użu ta' dawn l-attributi wara l-ħruġ tagħhom;

(ba) jiżguraw li l-identità tal-partijiet dipendenti tkun tista' tiġi vvalidata bl-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' awtentikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 6b;

(c) jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8 fir-rigward tal-livell ta' assigurazzjoni "għoli" applikabbli mutatis mutandis għall-ġestjoni u l-użu ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna permezz tal-Kartiera, inkluż l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni elettroniċi;

(e) jiżguraw li d-data ta' identifikazzjoni ta' persuna msemmiha fl-Artikolu 12(4), punt (d), tirrappreżenta b'mod uniku u persistenti lill-persuna fiżika jew

għuridika jew lill-persuna fiżika li tirrappreżenta lill-persuna fiżika jew għuridika, li tkun assoċjata mal-Kartiera;

- 4a L-Istati Membri għandhom jipprevedu proċeduri biex jippermettu lill-utenti jirrapporta telf jew użu ħażin possibbli tal-kartiera tagħhom u jitolbu li tiġi revokata.
5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu mekkaniżmi ta' validazzjoni għall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali biex:
- (a) jiġi żgurat li l-awtenticietà u l-validità tagħhom ikunu jistgħu jiġu vverifikati;
- (d) jippermettu lill-utent jawtentika l-partijiet dipendenti f'konformità mal-Artikolu 6b;
6. Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandhom jinħarġu bi skema ta' identifikazzjoni elettronika notifikata ta' livell ta' assigurazzjoni "għoli".
- 6a Il-ħruġ, l-użu għall-awtentikazzjoni u r-revoka tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandhom ikunu mingħajr ħlas għall-persuni fiżiċi.
- 6b Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 6db, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu, f'konformità mal-liġi nazzjonali, funzjonalitajiet addizzjonali tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, inkluż l-interoperabbiltà ma' mezzi nazzjonali eżistenti tal-eID.
7. L-utenti għandu jkollhom kontroll sħiħ tal-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali u tad-data fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tagħhom. L-emittent tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ma għandux jiġbor informazzjoni dwar l-użu tal-Kartiera li ma tkunx meħtieġa għall-forniment tas-servizzi tal-kartiera, u lanqas ma għandu jikkombina data ta' identifikazzjoni ta' persuna u kwalunkwe data personali oħra maħżuna jew relatata mal-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali ma' data personali minn xi servizz ieħor offrut minn dan l-emittent jew minn servizzi ta' partijiet terzi li ma tkunx meħtieġa għall-forniment tas-servizzi tal-Kartiera, dment li l-utent ma jkunx talab dan b'mod espliċitu. Id-data personali relatata mal-forniment tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandha tinżamm loġikament separata minn kwalunkwe data oħra miżmuma mill-emittent tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Jekk il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tiġi

pprovduta minn partijiet privati f'konformità mal-paragrafu 2(b) u (c), id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 45f għandhom japplikaw mutatis mutandis.

7a. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien żejjed, informazzjoni dwar:

(a) il-korp responsabbli għall-istabbiliment u ż-żamma tal-lista ta' partijiet dipendenti notifikati li jiddependu mill-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali f'konformità mal-Artikolu 6b(2);

(b) il-korpi responsabbli għall-forniment tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali f'konformità mal-Artikolu 6a(1);

(c) il-korpi responsabbli biex jiżguraw li d-data ta' identifikazzjoni ta' persuna tkun assoċjata mal-Kartiera f'konformità mal-Artikolu 6a(4)(e);

In-notifika għandha ttipprovi wkoll informazzjoni dwar il-mekkaniżmu li jippermetti l-validazzjoni tad-data ta' identifikazzjoni ta' persuna msemmija fl-Artikolu 12(4) u tal-identità tal-partijiet dipendenti.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, permezz ta' mezz sigur, l-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu ffirmata jew issiġillata b'mod elettroniku adegwat għal ipproċessar awtomatizzat.

8. L-Artikolu 11 għandu japplika mutatis mutandis għall-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.

9. L-Artikolu 24(2), punti (b), (e), (g), u (h) għandu japplika mutatis mutandis għall-emittent tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali.

10. Il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandha ssir aċċessibbli għal persuni b'diżabilità f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tad-Direttiva 2019/882.

11. Fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali u standards ta' referenza għar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 3, 4, 5 u 7a permezz ta' att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).
- 11a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali kif ukoll standards ta' referenza sabiex tiffaċilita l-onboarding fil-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tal-utenti li jużaw mezzi ta' identifikazzjoni elettronika li jikkonformaw ma' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika ta' livell "għoli" jew mezzi ta' identifikazzjoni elettronika li jikkonformaw mal-livell "sostanzjali" flimkien ma' proċeduri addizzjonali ta' onboarding mill-bogħod li flimkien jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-livell ta' assigurazzjoni "għoli". Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

Artikolu 6b

Partijiet Dipendenti tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali

1. Meta l-partijiet dipendenti li jipprovdu servizzi privati jew pubbliċi jkollhom l-intenzjoni li jiddependu minn Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali provduti f'konformità ma' dan ir-Regolament, huma għandhom jinnotifikaw dan lill-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti l-partijiet dipendenti.
- 1a Il-proċedura ta' notifika għandha tkun kosteffettiva u proporzjonata għar-riskju u tiżgura li l-partijiet dipendenti jipprovdu mill-inqas l-informazzjoni meħtieġa biex jawtentikaw il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali. Bħala minimu, dan għandu jinkludi l-Istat Membru li fih huma stabbiliti u l-isem tal-parti dipendenti u, fejn applikabbli, in-numru ta' reġistrazzjoni tagħha kif iddikjarat fir-rekords uffiċjali.

- 1b Ir-rekwiżit ta' notifika għandu jkun mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti oħra ta' notifika u reġistrazzjoni f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali bħal dawk applikabbli għal kategoriji speċjali ta' data personali, li jistgħu jeħtieġu rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni addizzjonali.
- 1c L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-partijiet dipendenti mir-rekwiżit ta' notifika meta d-dritt tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali ma jipprevedux rekwiżiti speċifiċi ta' notifika jew ta' reġistrazzjoni sabiex jaċċessaw l-informazzjoni provduta permezz tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali. Il-partijiet dipendenti eżentati jista' ma jkollhomx bżonn jawtentikaw il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.
- 1d Il-partijiet dipendenti notifikati f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom jinfurmaw mingħajr dewmien lill-Istat Membru dwar kwalunkwe bidla sussegwenti fl-informazzjoni provduta inizjalment.
2. Il-partijiet dipendenti għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' awtentikazzjoni msemmija fl-Artikolu 6a(4)(ba).
3. Il-partijiet dipendenti għandhom ikunu responsabbli għat-twettiq tal-proċedura għall-awtentikazzjoni ta' persuni u għall-validazzjoni ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi li joriġinaw mill-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali miksuba permezz tal-interfaċċa komuni skont l-Artikolu 6a (4)(a)(2).
4. Fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali għar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 1, 1a u 1d permezz ta' att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 6a(11). Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

Ċertifikat tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali

1. Il-konformità tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6a(3), (4), (5), mar-rekwiżit ta' separazzjoni loġika stabbilit fl-Artikolu 6a(7), u fejn applikabbli mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6a(11a), għandha tiġi ċċertifikata minn korpi ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditati f'konformità mal-Artikolu 60 tal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà u mal-iskemi, l-ispeċifikazzjonijiet, l-istandards u l-proċeduri msemmija f'konformità mal-paragrafu 4, punti (a), (aa) u (aaa), u maħtura mill-Istati Membri. Iċ-ċertifikazzjoni ma għandhiex taqbeż il-ħames snin, bil-kondizzjoni li ssir valutazzjoni regolari tal-vulnerabbiltajiet kull sentejn. Meta l-vulnerabbiltajiet jiġu identifikati u ma jiġux rimedjati fi żmien tliet xhur, iċ-ċertifikazzjoni għandha tiġi kkanċellata.
2. Fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data skont l-Artikolu 6a(7), iċ-ċertifikazzjoni skont il-paragrafu 1 tista' tiġi kkomplementata minn ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/679.
3. Il-konformità tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, jew ta' partijiet minnhom, mar-rekwiżiti rilevanti taċ-ċibersigurtà stabbiliti fl-Artikolu 6a(3), (4), (5), (7) u fejn applikabbli (11a), għandha tiġi ċċertifikata mill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fil-paragrafu 1, taħt skemi rilevanti taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà skont ir-Regolament (UE) 2019/881 kif imsemmija f'konformità mal-paragrafi 4(a) u 4(aa).
- 3a. Il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ċertifikati ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 7 u 9.

4. Fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi:
- a) lista ta' skemi taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà skont ir-Regolament (UE) 2019/881, meħtieġa għaċ-ċertifikazzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kif imsemmi fil-paragrafu 3;
 - aa) l-ispeċifikazzjonijiet, il-proċeduri u l-istandards ta' referenza għall-użu tagħhom skont l-iskemi rilevanti taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà elenkati f'konformità mal-punt (a);
 - aaa) lista ta' speċifikazzjonijiet, proċeduri u standards ta' referenza li jistabbilixxu rekwiżiti komuni taċ-ċertifikazzjoni mhux koperti mill-iskemi taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà rilevanti skont ir-Regolament (UE) 2019/881 għall-fini taċ-ċertifikazzjoni msemija fil-paragrafu 1 bl-għan li juru li Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali tissodisfa r-rekwiżiti kif imsemmi fil-paragrafu 1;
 - b) speċifikazzjonijiet tekniċi, proċedurali, organizzazzjonali u operazzjonali għall-ħatra tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità msemija fil-paragrafu 1, u, għal dak li jirrigwarda r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti skont il-punt (aaa), għall-monitoraġġ u r-rieżami tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni u l-metodi ta' evalwazzjoni relatati li dawn il-korpi jużaw u ċ-ċertifikati u r-rapporti ta' ċertifikazzjoni li joħorġu;
5. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-ismijiet u l-indirizzi tal-korpi pubbliċi jew privati msemija fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-Istati Membri.
6. L-atti ta' implimentazzjoni msemija fil-paragrafu 4 għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 48(2).

Artikolu 6d

Pubblikazzjoni ta' lista ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ċċertifikati

1. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed dwar il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali li jkunu ngħataw skont l-Artikolu 6a u ġew iċċertifikati mill-korpi msemija fl-Artikolu 6c, paragrafu 1. Dawn għandhom ukoll jinfurmaw ukoll lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien żejjed, meta tiġi kkanċellata ċ-ċertifikazzjoni.
2. Abbażi tal-informazzjoni li tkun waslitilha, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, tippubblika u taġġorna lista ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ċċertifikati li tista' tinqara minn magna.
3. Fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi formati u proċeduri applikabbli għall-finijiet tal-paragrafu 1 u 2 permezz ta' att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 6a(11). Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 48(2).

Artikolu 6da

Ksur ta' sigurtà tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali

1. Meta l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali provduti skont l-Artikolu 6a jew il-mekkaniżmi ta' validazzjoni msemija fl-Artikolu 6a(5), il-punti (a), (d) jew (e) jinkisru jew jiġu parzjalment kompromessi b'mod li jaffettwa l-affidabbiltà tagħhom jew l-affidabbiltà ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali oħra, l-emittent tal-kartieri kkonċernati għandu, mingħajr dewmien żejjed, jissospendi l-ħruġ u l-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali. L-Istat Membru fejn ġew ipprovduti l-Kartieri kkonċernati għandu jinforma lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed. L-emittent tal-Kartieri kkonċernati jew l-Istat Membru għandu jinforma lill-partijiet dipendenti u lill-utenti kif xieraq.

2. Meta jinstab rimedju għall-ksur jew il-kompromess imsemmi fil-paragrafu 1, l-emittent tal-Kartiera għandu jerġa' jistabbilixxi l-ħruġ u l-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali. L-Istat Membru fejn ġew ipprovduti l-Kartieri kkonċernati għandu jinforma lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed. L-emittent tal-Kartieri kkonċernati jew l-Istat Membru għandu jinforma lill-partijiet dipendenti u lill-utenti mingħajr dewmien żejjed.
3. Jekk il-ksur jew il-kompromess imsemmi fil-paragrafu 1 ma jiġix irrimedjat fi żmien tliet xhur mis-sospensjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira l-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali kkonċernata u jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni kif xieraq. Meta jkun iġġustifikat mis-severità tal-ksur, il-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali kkonċernata għandha tiġi rtirata mingħajr dewmien żejjed.
4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea l-emendi korrispondenti fil-lista msemmija fl-Artikolu 6d mingħajr dewmien żejjed.
5. Fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tispeċifika aktar il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 permezz ta' att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 6a(11). Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

Dipendenza transfruntiera fuq il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali

1. Meta l-Istati Membri jirrikjedu identifikazzjoni elettronika bl-użu ta' mezz ta' identifikazzjoni elettronika u awtentikazzjoni biex jaċċessaw servizz online pprovdut minn korp tas-settur pubbliku, dawn għandhom jaċċettaw ukoll il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali provduti f'konformità ma' dan ir-Regolament għall-awtentikazzjoni tal-utent.
2. Meta partijiet dipendenti privati li jipprovdu s-servizzi, bl-eċċezzjoni ta' intrapriżi mikro u żgħar kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, ikunu meħtieġa bil-liġi nazzjonali jew bid-dritt tal-Unjoni li jużaw awtentikazzjoni b'saħħitha tal-utenti għal identifikazzjoni online, jew meta tkun meħtieġa awtentikazzjoni b'saħħitha tal-utenti permezz ta' obbligu kuntrattwali, inkluż fl-oqsma tat-trasport, tal-enerġija, tas-servizzi bankarji, tas-servizzi finanzjarji, tas-sigurtà soċjali, tas-saħħa, tal-ilma tax-xorb, tas-servizzi postali, tal-infrastruttura diġitali, tal-edukazzjoni jew tat-telekomunikazzjoni, il-partijiet dipendenti privati, sa mhux aktar tard minn 12-il xahar wara d-data li fiha jiġu pprovduti l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali skont l-Artikolu 6a(1) u strettament fuq talba volontarja tal-utent, għandhom jaċċettaw ukoll l-użu ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali pprovduti f'konformità ma' dan ir-Regolament fir-rigward tad-data minima meħtieġa għas-servizz speċifiku online li għalih tintalab l-awtentikazzjoni tal-utent.
3. Meta pjattaformi online kbar ħafna kif iddefinit fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament [referenza għar-Regolament DSA] jirrikjedu l-awtentikazzjoni tal-utenti għall-aċċess tas-servizzi online, dawn għandhom jaċċettaw ukoll l-użu ta' Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali pprovduti f'konformità ma' dan ir-Regolament għall-awtentikazzjoni tal-utent strettament fuq talba volontarja tal-utent u fir-rigward tad-data minima meħtieġa għas-servizz online speċifiku li għalih tintalab l-awtentikazzjoni.

4. F'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha thegħeġ u tiffaċilita l-iżvilupp ta' kodiċijiet tal-kondotta, biex tikkontribwixxi għal disponibbiltà u użu wiesgħa tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dawn il-kodiċijiet tal-kondotta għandhom jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni wiesgħa tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika inkluż il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament b'mod partikolari għall-fornituri ta' servizzi li jserrġu fuq servizzi ta' identifikazzjoni elettronika ta' partijiet terzi għall-awtentikazzjoni tal-utenti. Il-Kummissjoni ser tiffaċilita l-iżvilupp ta' dawn il-kodiċijiet tal-kondotta f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha u ser thegħeġ lill-fornituri tas-servizzi biex ilestu l-iżvilupp tal-kodiċijiet tal-kondotta fi żmien 12-il xahar mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u jimplementawhom b'mod effettiv fi żmien 18-il xahar mill-adozzjoni tar-Regolament.
5. Il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni fi żmien 24 xahar wara l-implimentazzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali dwar jekk abbażi ta' evidenza li turi d-domanda, id-disponibbiltà u l-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali, il-fornituri ta' servizzi online privati addizzjonali għandhomx jingħataw il-mandat li jaċċettaw l-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali strettament fuq talba volontarja tal-utent. Il-kriterji ta' valutazzjoni għandhom jinkludu l-firxa tal-bażi tal-utenti, il-preżenza transfruntiera tal-fornituri tas-servizzi, l-iżvilupp teknoloġiku, l-evoluzzjoni fix-xejriet tal-użu, u d-domanda mill-konsumaturi.

(8) tiddaħħal l-intestatura li ġejja qabel l-Artikolu 7:

"TAQSIMA II

SKEMI TA' IDENTIFIKAZZJONI ELETTRONIKA";

(9) is-sentenza introduttorja tal-Artikolu 7 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Skont l-Artikolu 9(1), l-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan għandhom jinnotifikaw, fi żmien 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni msemija fl-Artikolu 6a(11) u l-Artikolu 6c(4), mill-inqas skema ta' identifikazzjoni elettronika waħda li tinkludi mill-inqas mezz wieħed ta' identifikazzjoni tal-livell ta' assigurazzjoni 'għoli'. Skema ta' identifikazzjoni elettronika għandha tkun eliġibbli għal notifika skont l-Artikolu 9(1) dment li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:";

(10) fl-Artikolu 9, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea lista tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-informazzjoni bażika dwarhom.
3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea l-emendi fil-lista msemija fil-paragrafu 2 fi żmien xahar mid-data tal-wasla ta' dik in-notifika.";

(12) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

"Artikolu 11a

Tqabbil tar-reġistrazzjoni

1. Meta jintużaw mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati jew il-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għall-awtentikazzjoni, l-Istati Membri, waqt li jaġixxu bħala partijiet affidabbli, għandhom jiżguraw it-tqabbil tar-reġistrazzjoni.

2. Sabiex jiġu pprovduti l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, l-Istati Membri għandhom jinkludu fis-sett minimu ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna msemmi fl-Artikolu 12(4), punt (d), mill-anqas identifikatur uniku u persistenti wieħed f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi nazzjonali, biex jidentifika l-utenti fuq talba tagħhom f'dawk il-każijiet fejn l-identifikazzjoni tal-utent tkun meħtieġa bil-liġi.
- 2a. L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri tekniċi u organizzazzjonali biex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali użata għat-tqabbil tar-reġistrazzjonijiet u biex jipprevjenu t-tfassil ta' profili tal-utenti.
- 2aa. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu, f'konformità mal-liġi nazzjonali, li l-utent tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali għandu jkun jista' jitlob li Identifikatur uniku u persistenti inkluż fis-sett minimu ta' data ta' identifikazzjoni tal-persuna u assoċjat mal-kartiera f'konformità mal-Artikolu 6a(4)(e) jiġi sostitwit b'identifikatur uniku u persistenti ieħor maħruġ mill-Istat Membru.
3. Fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tispeċifika aktar il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).
- 3a. Fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tagħti dettalji dwar il-miżuri msemmija fil-paragrafi 2 u 2aa permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

(13) l-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

Kooperazzjoni u interoperabbiltà

(a) fil-paragrafu 3, jitħassar il-punti (d);

(b) fil-paragrafu 4, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) referenza għal sett minimu ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna meħtieġa biex tirrappreżenta b'mod uniku u persistenti persuna fiżika, persuna ġuridika jew persuna fiżika li tirrappreżenta persuni fiżiċi jew ġuridiċi;"

(ba) fil-paragrafu 5, jiddaħħal il-punt (c):

"(c) approċċ simili lejn is-servizzi online li jaċċettaw l-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali pprovduti f'konformità ma' dan ir-Regolament;"

(c) fil-paragrafu 6, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-iskambju ta' informazzjoni, esperjenza u prattiki tajba rigward skemi ta' identifikazzjoni elettronika u, b'mod partikolari, rekwiżiti tekniċi marbuta mal-interoperabbiltà, it-tqabbil tar-reġistrazzjonijiet u l-livelli ta' assigurazzjoni;"

(ca) fil-paragrafu 6, jiddaħħal il-punt (e):

"(e) l-iskambju ta' informazzjoni, l-esperjenza u l-prattiki tajbin u l-ħruġ ta' linji gwida fir-rigward ta' kif is-servizzi online jistgħu jiġu mfassla, żviluppati u implimentati għall-fini tad-dipendenza fuq il-Kartieri Diġitali Ewropej"

(14) jiddaħħlu l-Artikoli 12a u 12b li ġejjin:

"Artikolu 12a

Ċertifikazzjoni tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika

1. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika li għandhom jiġu nnotifikati, għandha tiġi ċċertifikata sabiex turi l-konformità ta' tali skemi jew ta' partijiet minnhom mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Artikolu 8(2) rigward il-livelli ta' assikurazzjoni tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika skont ir-Regolament (UE) 2019/881 jew partijiet minnu, sa fejn iċ-ċertifikat taċ-ċibersigurtà jew ta' partijiet minnu jkopri r-rekwiżiti li jinsabu fl-Artikolu 8(2) dwar il-livelli ta' assikurazzjoni tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika. Iċ-ċertifikazzjoni ma għandhiex taqbeż il-ħames snin, bil-kundizzjoni li ssir valutazzjoni regolari tal-vulnerabbiltajiet kull sentejn. Meta l-vulnerabbiltajiet jiġu identifikati u ma jiġux rimedjati fi żmien tliet xhur, iċ-ċertifikazzjoni għandha tiġi kkanċellata.

Iċ-ċertifikazzjoni għandha ssir minn korpi akkreditati ta' valutazzjoni tal-konformità, pubbliċi jew privati, maħtura mill-Istati Membri u skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008.

2. Ir-reviżjoni bejn il-pari ta' skemi ta' identifikazzjoni elettronika msemija fl-Artikolu 12(6), punt (c), ma għandhiex tapplika għall-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika jew għal parti minn dawn l-iskemi ċċertifikati f'konformità mal-paragrafu 1.
- 2a. Minkejja l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jitolbu informazzjoni addizzjonali dwar skemi ta' identifikazzjoni elettronika jew parti minnhom iċċertifikati skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu minn Stat Membru notifikanti.
3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi tal-korp pubbliku jew privat imsemmi fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-Istati Membri.";

"Artikolu 12b

Aċċess għall-karatteristiċi tal-hardware u s-software

L-emittenti tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali u l-emittenti ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati li jaġixxu f'kapasità kummerċjali jew professjonali u li jużaw servizzi ta' pjattaforma ewlenin kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2022/1925 sabiex jipprovdu, jew waqt li jipprovdu, servizzi tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali u mezzi ta' identifikazzjoni elettronika lill-utenti finali huma utenti kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 2(21) tar-Regolament (UE) 2022/1925.

(17) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Minkejja l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji għandhom ikunu responsabbli għal dannu kkawżat intenzjonalment jew b'negliġenza lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika minħabba nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont dan ir-Regolament";

L-oneru tal-provi ta' intenzjoni jew negliġenza ta' fornitur ta' servizzi fiduċjarji mhux kwalifikat għandu jkun fir-responsabbiltà tal-persuna fiżika jew ġuridika li tiddikjara l-ħsara msemmija fl-ewwel subparagrafu.

L-intenzjoni jew in-negliġenza ta' fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat għandha tkun preżunta għajr jekk dak il-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat jagħti prova li l-ħsara msemmija fl-ewwel subparagrafu saret mingħajr l-intenzjoni jew in-negliġenza ta' dak il-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat.

(18) l-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 14

Aspetti internazzjonali

1. Servizzi fiduċjarji pprovduti minn fornituri ta' servizzi fiduċjarji stabbiliti f'pajjiż terz jew minn organizzazzjoni internazzjonali għandhom ikunu rikonoxxuti bħala legalment ekwivalenti għal servizzi fiduċjarji kwalifikati pprovduti minn fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati stabbiliti fl-Unjoni fejn is-servizzi fiduċjarji li joriġinaw mill-pajjiż terz jew mill-organizzazzjoni internazzjonali jkunu rikonoxxuti skont deċiżjoni ta' implimentazzjoni jew ftehim konkluż bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz inkwistjoni jew l-organizzazzjoni internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 218 tat-Trattat.
2. Id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni u l-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti applikabbli għal fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati stabbiliti fl-Unjoni u s-servizzi fiduċjarji kwalifikati li huma jipprovdu jkunu sodisfatti mill-fornituri ta' servizzi fiduċjarji fil-pajjiż terz jew fl-organizzazzjonijiet internazzjonali u mis-servizzi fiduċjarji li huma jipprovdu. Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom b'mod partikolari jistabbilixxu, iżommu u jippubblikaw lista affidabbli ta' fornituri ta' servizzi fiduċjarji rikonoxxuti.

Il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li s-servizzi fiduċjarji kwalifikati pprovduti minn fornituri ta' servizz fiduċjarji kwalifikati stabbiliti fl-Unjoni jkunu rikonoxxuti bħala legalment ekwivalenti għal servizzi fiduċjarji pprovduti minn fornituri ta' servizzi fiduċjarji fil-pajjiż terz jew fl-organizzazzjoni internazzjonali li magħha jkun konkluż il-ftehim.
3. Id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

(19) l-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 15

Aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà

Il-forniment ta' servizzi fiduċjarji u ta' prodotti ta' utenti finali użati fil-forniment ta' daww is-servizzi għandu jsir aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tad-Direttiva 2019/882 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi.";

(20) l-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(1) il-punt (c) tal-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) li jinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti tal-Istati Membri kkonċernati, maħtura skont id-Direttiva (UE) XXXX/XXXX [NIS2], dwar kwalunkwe ksur sinifikanti ta' sigurtà jew nuqqas ta' integrità li dan isir konxju tagħhom fit-twettiq tal-kompiti tiegħu. Meta l-ksur ta' sigurtà jew in-nuqqas ta' integrità sinifikanti jikkonċerna Stati Membri oħra, il-korp supervizzorju għandu jinforma lill-punt ta' kuntatt waħdieni tal-Istat Membru kkonċernat maħtur skont id-Direttiva (UE) XXXX/XXXX (NIS2) u lill-korpi supervizzorji maħtura f'konformità mal-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri l-oħra kkonċernati. Il-korp supervizzorju notifikat għandu jinforma lill-pubbliku jew jitlob lill-fornitur ta' servizzi fiduċjarji biex jagħmel dan, fejn jiddetermina li l-iżvelar tal-ksur ta' sigurtà jew tan-nuqqas ta' integrità huwa fl-interess pubbliku;"

(2) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) li jikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji kompetenti stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari, billi jinfurmahom mingħajr dewmien żejjed jekk ikun jidher li jkunu nkisru r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali u dwar ksur ta' sigurtà li jidhru li jikkostitwixxi ksur ta' data personali;"

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, kull korp superviżorju għandu jippreżenta lill-Kummissjoni rapport dwar l-attivitajiet ewlenin tiegħu matul is-sena kalendarja preċedenti.";

(c) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida dwar l-eżerċizzju mill-korpi superviżorji tal-kompiti msemmija fil-paragrafu 4 u, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tadotta f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2), tiddefinixxi l-formati u l-proċeduri għar-rapport imsemmi fil-paragrafu 6.";

(21) l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu tal-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Assistenza reċiproka u kooperazzjoni";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-korpi superviżorji għandhom jikkooperaw bil-ħsieb li jiskambjaw prassi tajba u informazzjoni rigward il-forniment ta' servizzi fiduċjarji.";

(c) jiżdiedu l-paragrafi 4 u 5 li ġejjin:

4. Il-korpi superviżorji u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali skont id-Direttiva (UE) XXXX/XXXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [NIS2] għandhom jikkooperaw u jassistu lil xulxin biex jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva (UE) XXXX/XXXX [NIS2]. Il-korpi superviżorji għandhom jitolbu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont id-Direttiva XXXX/XXXX [NIS2] iwettqu azzjonijiet superviżorji biex jivverifikaw il-konformità tal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji mar-rekwiżiti skont id-Direttiva XXXX/XXXX (NIS2), jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji jirrimedjaw kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, jipprovdi fil-ħin ir-riżultati ta' kwalunkwe attività superviżorja marbuta mal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji u jinfurmaw lill-korpi superviżorji dwar l-inċidenti rilevanti notifikati f'konformità mad-Direttiva XXXX/XXXX [NIS2].
5. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-arranġamenti proċedurali meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Superviżorji msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).";

(21a) Jiddaħħal l-Artikolu 19a li ġej:

"Rekwiżiti għall-fornituri ta' servizzi fiduċjarji mhux kwalifikati"

1. Fornitur ta' servizzi fiduċjarju mhux kwalifikat li jipprovdi servizzi fiduċjarji mhux kwalifikati għandu:
 - (a) ikollu politiki xierqa u jieħu miżuri korrispondenti biex jiġġestixxi riskji legali, kummerċjali, operazzjonali u riskji diretti jew indiretti oħrajn għall-forniment tas-servizz fiduċjarju mhux kwalifikat. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tad-Direttiva (UE) XXXX/XXX [NIS2], daww il-miżuri għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:
 - (i) miżuri relatati ma' proċeduri ta' reġistrazzjoni u ta' on-boarding għal servizz;
 - (ii) miżuri relatati ma' kontrolli proċedurali jew amministrattivi;
 - (iii) miżuri relatati mal-ġestjoni u l-implimentazzjoni ta' servizzi.
 - (b) jinnotifikaw lill-korp superviżorju, lill-individwi affettwati identifikabbli, lill-pubbliku jekk ikun fl-interess pubbliku u, fejn applikabbli, lil korpi kompetenti rilevanti oħra, bi kwalunkwe ksur jew tfixkil fil-forniment tas-servizz jew fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu (a), il-punti (i), (ii) u (iii) li jkollhom impatt sinifikanti fuq is-servizz fiduċjarju pprovdut jew fuq id-data personali miżmuma fih, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 24 siegħa wara li jkun saru jafu bih.
2. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika l-karatteristiċi tekniċi tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(a). Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

(22) l-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej

"1. Il-fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji għandhom jiġu awditjati bi spejjeż għalihom stess mill-inqas kull 24 xahar minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità. L-awditu għandu jikkonferma li fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati u s-servizzi fiduċjarji kwalifikati pprovduti minnhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament u fl-Artikolu 18 tad-Direttiva (UE) XXXX/XXXX [NIS2]. Il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati għandhom jippreżentaw ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-konformità li jirriżulta lill-korp superviżorju fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn meta jirċivuh.";

(aa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

1a. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati għandhom jinfurmaw minn qabel lill-korp superviżorju dwar l-awditi ppjanati u jippermettu l-parteciċipazzjoni tal-korp superviżorju bħala osservatur fuq talba.

(b) fil-paragrafu 2, l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Fejn ikun jidher li kien hemm ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali, il-korp superviżorju għandu, mingħajr dewmien żejjed, jinforma lill-awtoritajiet superviżorji kompetenti skont ir-Regolament (UE) 2016/679.";

(c) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Meta l-fornitur kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji jonqos milli jissodisfa kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, il-korp superviżorju għandu jitolbu jipprovdi rimedju f'limitu ta' żmien stabbilit, jekk ikun applikabbli.

Meta dak il-fornitur ma jipprovdi rimedju, meta jkun applikabbli, fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-korp superviżorju, il-korp superviżorju, filwaqt li jqis b'mod partikolari l-grad, id-durata u l-konsegwenzi ta' dak in-nuqqas, jista' jirtira l-istatus kwalifikat ta' dak il-fornitur jew tas-servizz affettwat li dan jipprovdi.

3a. Meta l-korp superviżorju jiġi infurmat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont id-Direttiva (UE) XXXX/XXXX [NIS2] li l-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat jonqos milli jissodisfa kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti bl-Artikolu 18 tad-Direttiva (UE) XXXX/XXXX [NIS2], il-korp superviżorju, filwaqt li jqis b'mod partikolari, il-firxa, id-durata u l-konsegwenzi ta' dak in-nuqqas, jista' jirtira l-istatus kwalifikat ta' dak il-fornitur jew tas-servizz affettwat li jipprovdi.

3b. Meta l-korp superviżorju jiġi infurmat mill-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679 li l-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat jonqos milli jissodisfa kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti mir-Regolament (UE) 2016/679, il-korp superviżorju, filwaqt li jqis b'mod partikolari, il-firxa, id-durata u l-konsegwenzi ta' dak in-nuqqas, jista' jirtira l-istatus kwalifikat ta' dak il-fornitur jew tas-servizz affettwat li jipprovdi.

- 3c. Il-korp supervizzorju għandu jinforma lill-fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji bl-irtirar tal-istatus kwalifikat tiegħu jew tal-istatus kwalifikat tas-servizz ikkonċernat. Il-korp supervizzorju għandu jinforma lill-korp imsemmi fl-Artikolu 22(3) għall-finijiet ta' aġġornament tal-listi affidabbli msemmija fl-Artikolu 22(1) u lill-awtorità kompetenti nazzjonali msemmija fid-Direttiva XXXX [NIS2].
4. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u numri ta' referenza ta' standards għal dawn li ġejjin:
- (a) l-akkreditament tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità u għar-rapport dwar il-valutazzjoni tal-konformità msemmija fil-paragrafu 1;
 - (b) ir-rekwiżiti tal-awditjar għall-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità biex iwettqu l-valutazzjoni tal-konformità tagħhom tal-fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji kif imsemmi fil-paragrafu 1;
 - (c) l-iskemi ta' valutazzjoni tal-konformità għat-twettiq tal-valutazzjoni tal-konformità tal-fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji mill-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità u għall-forniment tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).";

(23) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

"1. Fejn il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji jkollhom l-intenzjoni li jibdwu jipprovdu servizz fiduċjarju kwalifikat, huma għandhom jippreżentaw lill-korp superviżorju notifika tal-intenzjoni tagħhom flimkien ma' rapport ta' valutazzjoni tal-konformità maħruġ minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità li jikkonferma li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fl-Artikolu 18 tad-Direttiva (UE) XXXX/XXXX [NIS2] ġew issodisfati.";

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

2. Il-korp superviżorju għandu jivverifika jekk il-fornitur ta' servizzi fiduċjarji u s-servizzi fiduċjarji pprovduti minnu jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, u b'mod partikolari, mar-rekwiżiti għall-fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji u għas-servizzi fiduċjarji kwalifikati li dawn jipprovdu.

Sabiex tiġi vverifikata l-konformità tal-fornitur ta' servizzi fiduċjarji mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 18 tad-Direttiva XXXX [NIS2], il-korp superviżorju għandu jitlob lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fid-Direttiva XXXX [NIS2] iwettqu azzjonijiet superviżorji f'dak ir-rigward u jagħtu informazzjoni dwar l-eżitu, mingħajr dewmien żejjed u sa mhux aktar tard minn xahrejn wara l-wasla tat-talba mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fid-Direttiva XXXX [NIS2]. Jekk il-verifika ma tiġix konklufa fi żmien xahrejn min-notifika, l-awtoritajiet kompetenti msemmija fid-Direttiva XXXX [NIS2] għandhom jinfurmaw lill-korp superviżorju fejn jispeċifikaw ir-raġunijiet tad-dewmien u l-perjodu li fih għandha tiġi konklufa l-verifika.

Meta l-korp superviżorju jikkonkludi li l-fornitur ta' servizzi fiduċjarji u s-servizzi fiduċjarji pprovduti minnu jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-korp superviżorju għandu jagħti status kwalifikat lill-fornitur ta' servizzi fiduċjarji u lis-servizzi fiduċjarji li dan jipprovdi u jinforma lill-korp imsemmi fl-Artikolu 22(3) għall-finijiet ta' aġġornament tal-listi affidabbli msemmija fl-Artikolu 22(1), sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara n-notifika f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Meta l-verifika ma tiġix konklufa fi żmien tliet xhur min-notifika, il-korp superviżorju għandu jinforma lill-fornitur ta' servizzi fiduċjarji u jispeċifika r-raġunijiet għad-dewmien u l-perjodu li fih għandha tiġi konklufa l-verifika.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi l-formati u l-proċeduri tan-notifika u l-verifika għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).";

(25) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta joħroġ ċertifikat kwalifikat jew attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi, fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji għandu jivverifika l-identità u, jekk ikun applikabbli, kwalunkwe attribut speċifiku tal-persuna fiżika jew ġuridika li lilha jkun ser jinħareġ iċ-ċertifikat kwalifikat jew l-attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi vverifikata mill-fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji, jew direttament jew permezz tad-dipendenza fuq parti terza, bi kwalunkwe wieħed mill-modi li ġejjin:

- (a) permezz tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali jew mezz ta' identifikazzjoni elettronika notifikat li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8 fir-rigward tal-livell ta' assigurazzjoni 'għoli';
- (b) permezz ta' attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi jew ċertifikat ta' firma elettronika kwalifikata jew ta' siġill elektroniku kwalifikat maħruġ f'konformità mal-punti (a), (c) jew (d);
- (c) bl-użu ta' metodi ta' identifikazzjoni oħrajn li jiżguraw l-identifikazzjoni tal-persuna b'livell għoli ta' kunfidenza, li l-konformità tagħhom għandha tiġi kkonfermata minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità;
- (d) permezz tal-preżenza fiżika tal-persuna fiżika jew ta' rappreżentant awtorizzat tal-persuna ġuridika permezz ta' proċeduri xierqa u f'konformità mal-liġijiet nazzjonali.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi minimi, standards u proċeduri fir-rigward tal-verifika tal-identità u tal-attributi f'konformità mal-punt c tal-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).";

(c) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(0) il-punt (a) huwa emendat kif ġej:

"(a) jinforma lill-korp superviżorju mill-inqas xahar qabel ma jimplimenta kwalunkwe bidla fil-forniment tas-servizzi fiduċjarji kwalifikati tiegħu jew mill-inqas tliet xhur f'każ ta' intenzjoni li jwaqqaf dawk l-attivitajiet. Il-korp superviżorju jista' jitlob informazzjoni addizzjonali jew ir-riżultat ta' valutazzjoni tal-konformità qabel ma jagħti l-permess biex jimplimenta l-bidliet maħsuba għas-servizzi fiduċjarji kwalifikati. Jekk il-verifika ma tiġix konklużiva fi żmien tliet xhur min-notifika, il-korp superviżorju għandu jinforma lill-fornitur ta' servizzi fiduċjarji filwaqt li jispeċifika r-raġunijiet għad-dewmien u l-perijodu li fih għandha tiġi konklużiva l-verifika.

(1) il-punti (d) u (e) huma sostitwiti b'dan li ġej:

- "(d) qabel jidħol f'relazzjoni kuntrattwali, jinforma, b'mod ċar, komprensiv u aċċessibbli faċilment, fi spazju aċċessibbli għall-pubbliku u individwalment, lil kwalunkwe persuna li tkun qed tfittex li tuża servizz fiduċjarju kwalifikat dwar it-termini u l-kundizzjonijiet preċiżi rigward l-użu ta' dak is-servizz, inkluż kwalunkwe limitazzjoni fuq l-użu tiegħu;"
- "(e) juża sistemi u prodotti affidabbli li huma protetti mill-modifika u jiżgura s-sigurtà teknika u l-affidabbiltà tal-proċessi appoġġati minnhom, fost l-oħrajn billi fis-sistemi, il-prodotti u l-proċessi li jappoġġaw jintużaw algoritmi kriptografiċi xierqa, kjavi b'tul adatt u funzjonijiet xierqa ta' hash;"

(2) jiddaħħlu l-punti (fa) u (fb) li ġejjin:

- '(fa) ikollu politiki xierqa u jieħu miżuri korrispondenti biex jiġġestixxi riskji legali, kummerċjali, operazzjonali u riskji diretti jew indiretti oħrajn għall-forniment tas-servizz fiduċjarju kwalifikat. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tad-Direttiva UE XXXX/XXX [NIS2], dawk il-miżuri għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:
- (i) miżuri relatati ma' proċeduri ta' reġistrazzjoni u ta' on-boarding għal servizz;
- (ii) miżuri relatati ma' kontrolli proċedurali jew amministrattivi;
- (iii) miżuri relatati mal-ġestjoni u l-implimentazzjoni tas-servizzi.";

"(fb) jinnotifika lill-korp superviżorju, lill-individwi affettwati identifikabbli, lill-korpi kompetenti rilevanti oħra fejn applikabbli u, fuq talba tal-korp superviżorju, lill-pubbliku jekk dan ikun fl-interess pubbliku, bi kwalunkwe ksur jew tfixkil fil-forniment tas-servizz jew fl-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu (fa), il-punti (i), (ii) u (iii), li jkollhom impatt sinifikanti fuq is-servizz fiduċjarju pprovdut jew fuq id-data personali miżmuma fih, mingħajr dewmien żejjed u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 24 siegħa wara li l-inċident.";

(3) il-punti (g) u (h) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(g) jieħu miżuri xierqa kontra l-falsifikazzjoni, is-serq jew il-miżapproprjazzjoni tad-data jew, mingħajr dritt, it-tħassir, il-bdil jew li wieħed jagħmel id-data inaċċessibbli;"

"(h) jirreġistra u jżomm aċċessibbli sakemm ikun meħtieġ wara li l-attivitajiet tal-fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji jkunu waqfu, kull informazzjoni rilevanti dwar data maħruġa u riċevuta mill-fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji, b'mod partikolari għall-fini li tiġi pprovduta evidenza fi proċedimenti legali u għall-fini li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz. Din ir-reġistrazzjoni tista' ssir b'mod elettroniku;"

(4) jitħassar il-punt (j);

(d) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. Il-paragrafi 3 u 4 għandhom japplikaw kif xieraq għar-revoka tal-attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi.";

(e) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi, proċeduri u numri ta' referenza ta' standards għar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu fejn daww l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, proċeduri u standards ikunu rispettati. Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).";

(f) jiddaħħal il-paragrafu 6 li ġej:

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-karatteristiċi tekniċi tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 2(fa).";

(25a) L-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

2. Fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi numri ta' referenza ta' standards għal servizzi ta' firem elettroniċi avvanzati. Il-konformità mar-rekwiżiti għal firem elettroniċi avvanzati għandha tiġi preżunta meta servizz ta' firem elettroniċi avvanzati jissodisfa daww l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards. Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

(25b) L-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

Jitħassar il-paragrafu 4.

(26) fl-Artikolu 28, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

6. Fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u numri ta' referenza ta' standards għal ċertifikati kwalifikati għall-firma elettronika. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I meta ċertifikat kwalifikat għal firma elettronika jkun jissodisfa dawk l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).";

(27) fl-Artikolu 29, jiżdied il-paragrafu 1a ġdid li ġej:

"1a. Il-ġenerazzjoni jew il-ġestjoni ta' data dwar il-ħolqien ta' firem elettroniki, jew id-duplikazzjoni ta' tali data dwar il-ħolqien ta' firem elettroniki għal skopijiet ta' backup jistgħu jsiru biss minn fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji li jipprovdi servizz fiduċjarju kwalifikat għall-ġestjoni ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniki mill-bogħod.";

(28) Jiddaħħal l-Artikolu 29a li ġej:

"Artikolu 29a

Rekwiżiti għal servizz kwalifikat għall-ġestjoni ta' apparati kwalifikati għall-ħolqien ta' firem elettroniki mill-bogħod

1. Il-ġestjoni ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi mill-bogħod bħala servizz kwalifikat tista' ssir biss minn fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji li:
 - (a) jiġġenera jew jiġġestixxi data dwar il-ħolqien ta' firem elettroniċi f'isem il-firmatarju;
 - (b) minkejja l-punt (1)(d) tal-Anness II, jista' jidduplika d-data dwar il-ħolqien ta' firem elettroniċi biss għal finijiet ta' riżerva dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:
 - i. is-sigurtà tas-settijiet tad-data duplikati trid tkun tal-istess livell bħal dik għas-settijiet tad-data oriġinali;
 - ii. l-għadd ta' settijiet tad-data duplikati ma għandux jaqbeż il-minimu meħtieġ biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz.
 - (c) jikkonforma ma' kwalunkwe rekwiżit identifikat fir-rapport ta' ċertifikazzjoni tal-apparat kwalifikat speċifiku għall-ħolqien ta' firem mill-bogħod maħruġ skont l-Artikolu 30.
2. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u numri ta' referenza ta' standards għall-finijiet tal-paragrafu 1.";

(29) Fl-Artikolu 30, jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Il-validità ta' ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex taqbeż ħames snin, soġġetta għal valutazzjoni regolari tal-vulnerabbiltajiet kull sentejn. Meta l-vulnerabbiltajiet jiġu identifikati u ma jiġux rimedjati, iċ-ċertifikazzjoni għandha tiġi kkanċellata.";

(30) fl-Artikolu 31, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

3. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi formati u proċeduri applikabbli għall-fini tal-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).";

(31) L-Artikolu 32 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu meta l-validazzjoni tal-firem elettroniċi kwalifikati tkun tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards imsemmija fil-paragrafu 3.";

- (b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tippovdi speċifikazzjonijiet u numri ta' referenza ta' standards għall-validazzjoni tal-firem elettroniċi kwalifikati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).";

(31a) Jiddaħħal l-Artikolu 32a li ġej:

"Ir-rekwiżiti għall-validazzjoni ta' firem elettroniċi avvanzati bbażati fuq ċertifikati kwalifikati

1. Il-proċess għall-validazzjoni ta' firma elektronika avvanzata bbażata fuq ċertifikat kwalifikat għandu jikkonferma l-validità ta' firma elektronika avvanzata bbażata fuq ċertifikat kwalifikat dment li:

- (a) iċ-ċertifikat, li jappoġġa l-firma kien, fil-mument tal-firma ċertifikat kwalifikat għal firma elettronika li jikkonforma mal-Anness I;
- (b) iċ-ċertifikat kwalifikat inħareġ minn fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji u kien validu fil-mument tal-firma;
- (c) id-data ta' validazzjoni tal-firma tikkorrispondi għad-data pprovduta lill-parti dipendenti;
- (d) is-sett uniku ta' data li jirrappreżenta lill-firmatarju fiċ-ċertifikat jingħata b'mod korrett lill-parti dipendenti;
- (e) l-użu ta' kwalunkwe psewdonimu jkun indikat b'mod ċar lill-parti dipendenti jekk psewdonimu kien intuża fil-mument tal-firma;
- (f) l-integrità tad-data ffirmata ma tkunx ġiet compromessa;
- (g) ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 26 kienu ġew sodisfatti fil-mument tal-firma. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu meta l-validazzjoni tal-firem elettroniċi kwalifikati bbażati fuq ċertifikati kwalifikati tkun tissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards imsemmija fil-paragrafu 3.

2. Is-sistema użata għall-validazzjoni tal-firma elettronika avvanzata bbażata fuq ċertifikat kwalifikat għandha tipprovdi lill-parti dipendenti r-riżultat korrett tal-proċess ta' validazzjoni u għandha tippermetti li l-parti dipendenti tinduna bi kwalunkwe kwistjoni rilevanti għas-sigurtà.
3. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tipprovdi l-ispeċifikazzjonijiet u n-numri ta' referenza ta' standards għall-validazzjoni tal-firem elettroniċi avvanzati bbażati fuq ċertifikati kwalifikati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2)."

(31b) L-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

- "1. Servizz ta' validazzjoni kwalifikat għall-firem elettroniċi kwalifikati jista' jingħata biss minn fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji li:";
- "2. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u n-numri ta' referenza ta' standards għal servizz ta' validazzjoni kwalifikat imsemmija fil-paragrafu 1. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 meta s-servizz ta' validazzjoni għall-firma elektronika kwalifikata jissodisfa dawk l-ispeċifikazzjonijiet u standards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2)."

(32) L-Artikolu 34 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 34

Servizz kwalifikat ta' preservazzjoni għal firem elettroniċi kwalifikati

1. Servizz kwalifikat ta' preservazzjoni għal firem elettroniċi kwalifikati jista' jiġi pprovdut biss minn fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji li juża proċeduri u teknoloġiji kapaċi li jestendu l-affidabbiltà tal-firma elektronika kwalifikata lil hinn mill-perjodu ta' validità teknoloġika.
2. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 meta l-arranġamenti għas-servizz kwalifikat ta' preservazzjoni għal firem elettroniċi kwalifikati jkunu jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards imsemmija fil-paragrafu 3.
3. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u n-numri ta' referenza ta' standards għas-servizz kwalifikat ta' preservazzjoni għal firem elettroniċi kwalifikati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).";

(32a) Fl-Artikolu 36, jiżdied il-paragrafu 2 ġdid li ġej:

2. Fi żmien 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u in-numri ta' referenza tal-istandards għas-siġilli elettroniċi avvanzati.

Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti għas-siġilli elettroniċi avvanzati meta siġill elettroniku avvanzat jissodisfa dawk l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

(33) L-Artikolu 37 huwa emendat kif ġej:

Jitħassar il-paragrafu 4.

(34) L-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ċertifikati kwalifikati għal siġilli elettroniċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III meta ċertifikat kwalifikat għas-siġill elettroniku jkun jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards imsemmija fil-paragrafu 6.";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet u n-numri ta' referenza ta' standards għal ċertifikati kwalifikati għas-siġilli elettroniċi avvanzati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).";

(35) jiddaħħal l-Artikolu 39a li ġej:

"Artikolu 39a

Rekwiżiti għal servizz kwalifikat għall-ġestjoni ta' apparati kwalifikati għall-ħolqien ta' siġilli elettroniċi mill-bogħod

L-Artikolu 29a għandu japplika mutatis mutandis għal servizz kwalifikat għall-ġestjoni ta' apparati kwalifikati għall-ħolqien ta' siġilli elettroniċi mill-bogħod.";

(35a) Jiddaħħal l-Artikolu 40a li ġej:

"Artikolu 40a

Ir-rekwiżiti għall-validazzjoni ta' siġilli elettroniċi avvanzati bbażati fuq ċertifikati kwalifikati

(1) L-Artikolu 32a għandu japplika mutatis mutandis għall-validazzjoni ta' siġilli elettroniċi avvanzati bbażati fuq ċertifikati kwalifikati.";

(36) L-Artikolu 42 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a ġdid li ġej:

"1a. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 meta l-konnessjoni tad-data u l-ħin mad-data u s-sors ta' ħin preċiż ikunu jissodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards imsemmija fil-paragrafu 2.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej

"2. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u n-numri ta' referenza ta' standards għall-konnessjoni tad-data u l-ħin mad-data u għal sorsi ta' ħin preċiż. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).";

(36a) Fl-Artikolu 43, jiżdied il-paragrafu 3 ġdid li ġej:

- 2a. Servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja reġistrat fi Stat Membru wieħed għandu jiġi rikonoxxut bħala servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja reġistrata fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.";

(37) L-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

- "1a. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 meta l-proċess għat-trażmissjoni u r-riċevuta tad-data jkun jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards imsemmija fil-paragrafu 2.";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

2. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u n-numri ta' referenza ta' standards għall-proċessi għat-trażmissjoni u r-riċevuta tad-data. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 48(2).";

(c) jiddaħħlu l-paragrafi 3 u 4 li ġejjin:

- "3. Il-fornituri ta' servizzi elettroniċi kwalifikati ta' konsenja reġistrat jistgħu jaqblu dwar l-interoperabbiltà bejn is-servizzi elettroniċi kwalifikati ta' konsenja rreġistrata li jipprovdu. Tali qafas tal-interoperabbiltà għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1. Il-konformità għandha tiġi kkonfermata minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità.";

"4. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u numri ta' referenza ta' standards sabiex tiffaċilita t-trasferiment ta' data bejn żewġ fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji jew aktar. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kontenut tal-istandards għandhom ikunu kosteffettivi u proporzjonati. L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).";

(38) l-Artikolu 45 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 45

Rekwiżiti għal ċertifikati kwalifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi

1. Iċ-ċertifikati kwalifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV. L-evalwazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV għandha titwettaq skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards imsemmija fil-paragrafu 4.
2. Iċ-ċertifikati kwalifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu rikonoxxuti mill-web-browsers. Għal dawk il-finijiet, il-web-browsers għandhom jiżguraw li d-data dwar l-identità pprovduta bl-użu ta' kwalunkwe wieħed mill-metodi tintwera b'mod faċli għall-utent. Il-web-browsers għandhom jiżguraw l-appoġġ u l-interoperabbiltà b'ċertifikati kwalifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi msemmija fil-paragrafu 1, bl-eċċezzjoni tal-intrapriżi, meqjusa bħala mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE fl-ewwel 5 snin ta' tħaddim bħala fornituri ta' servizzi tal-web-browsing.
4. Fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ttipprovdi l-ispeċifikazzjonijiet u n-numri ta' referenza ta' standards għal ċertifikati kwalifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi msemmija fil-paragrafu 1 u 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).";

(39) jiddaħħlu t-Taqsimiet 9, 10 u 11 li ġejjin wara l-Artikolu 45:

"TAQSIMA 9

ATTESTAZZJONI ELETTRONIKA TAL-ATTRIBUTI

Artikolu 45a

Effetti legali ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi

1. Attestazzjoni elettronika tal-attributi ma għandhiex tiġi miċħuda effett legali u ammissibbiltà bħala evidenza fi proċedimenti legali għas-sempliċi raġuni li tkun f'forma elettronika jew li ma tissodisfax ir-rekwiżiti għall-attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi.
2. Attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi u l-attestazzjonijiet tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku għandu jkollha l-istess effett legali bħall-attestazzjonijiet maħruġa legalment f'forma stampata.
3. Attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi maħruġa fi Stat Membru wieħed għandha tiġi rikonoxxuta bħala attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.
4. Attestazzjoni tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku għandha tiġi rikonoxxuta bħala attestazzjoni tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku fl-Istati Membri kollha.

Artikolu 45b

Attestazzjoni elettronika tal-attributi f'servizzi pubbliċi

Meta identifikazzjoni elettronika li tuża mezz ta' identifikazzjoni elettronika u awtentikazzjoni tkun meħtieġa skont il-liġi nazzjonali taċċessa servizz online pprovdut minn korp tas-settur pubbliku, id-data ta' identifikazzjoni ta' persuna fl-attestazzjoni elettronika tal-attributi ma għandhiex tissostitwixxi l-identifikazzjoni elettronika bl-użu ta' mezz ta' identifikazzjoni elettronika u awtentikazzjoni għall-identifikazzjoni elettronika dment li dan ma jkunx speċifikament permess mill-Istat Membru. F'dan il-każ, għandha tiġi aċċettata wkoll attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi minn Stati Membri oħrajn.

Artikolu 45c

Rekwiżiti għal attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi

1. L-attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi għandha tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V.
 - 1a. L-evalwazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V għandha titwettagħ skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards imsemmija fil-paragrafu 4.
2. L-attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi ma għandhom ikunu soġġetti għall-ebda rekwiżit obbligatorju minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V.
3. Meta attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi tkun ġiet revokata wara ħruġ inizjali, din għandha titlef il-validità tagħha mill-mument tar-revoka tagħha, u l-istatus tagħha ma għandu jitreġġa' lura fl-ebda ċirkostanza.
4. Fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u numri ta' referenza ta' standards għal attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi permezz ta' att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 6a(11).

Artikolu 45d

Verifika ta' attributi ma' sorsi awtentiċi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw fi żmien 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 6a(11) u l-Artikolu 6c(4) li, tal-anqas għall-attributi elenkati fl-Anness VI, kull fejn dawn l-attributi jiddependu fuq sorsi awtentiċi fis-settur pubbliku, jittieħdu miżuri li jippermettu lill-fornituri kwalifikati ta' attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi jivverifikaw dawn l-attributi b'mezzi elettroniċi fuq talba tal-utent u f'konformità mal-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni.
2. Fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-istandards internazzjonali rilevanti, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi minimi, l-istandards u l-proċeduri b'referenza għall-katalogu ta' attributi u skemi għall-attezzjoni tal-attributi u għal proċeduri ta' verifika għal attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi permezz ta' att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 6a(11).

Artikolu 45da

Rekwiżiti għall-attezzjoni elettronika tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku.

1. Attezzjoni elettronika tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:
 - a) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VII;

b) iċ-ċertifikat kwalifikat li jappoġġa l-firma elettronika kwalifikata jew is-siġill elettroniku kwalifikat tal-korp tas-settur pubbliku msemmi fl-Artikolu 3 (45a) identifikat bħala l-emittent imsemmi fil-punt (b) tal-Anness VII, għandu jkun fih sett speċifiku ta' attributi ċertifikati f'forma xierqa għall-ipproċessar awtomatizzat:

- (i) li jindika li l-korp emittenti huwa stabbilit f'konformità ma' liġi nazzjonali jew tal-Unjoni bħala r-responsabbli għas-sors awtentiku li abbażi tiegħu tinħareġ l-attestazzjoni elettronika tal-attributi jew bħala l-korp maħtur biex jaġixxi f'ismu;
- (ii) li jipprovdi sett ta' data li jirrappreżenta mingħajr ambigwità s-sors awtentiku msemmi fl-ittra (i); u
- (iii) li jidentifika liġi nazzjonali jew tal-Unjoni msemmija fl-ittra (i).

2. L-Istat Membru fejn huma stabbiliti l-korpi tas-settur pubbliku msemmija fl-Artikolu 3(45a) għandu jiżgura li l-korpi tas-settur pubbliku li joħorġu attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi jissodisfaw il-livell ekwivalenti ta' affidabbiltà bħala fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji f'konformità mal-Artikolu 24.

2a. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-korpi tas-settur pubbliku msemmija fl-Artikolu 3 (45a) lill-Kummissjoni. Din in-notifika għandha tinkludi rapport ta' valutazzjoni tal-konformità maħruġ minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità li jikkonferma li r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 6 ta' dan l-Artikolu huma ssodisfati. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, b'mezz sigur, il-lista ta' korpi tas-settur pubbliku msemmija fl-Artikolu 3 (45a) f'forma ffirmata jew issiġillata b'mod elettroniku adegwata għall-ipproċessar awtomatizzat.

3. Meta attestazzjoni elettronika tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku tkun ġiet revokata wara l-ħruġ inizjali, din għandha titlef il-validità tagħha mill-mument tar-revoka tagħha. Wara r-revoka, l-istatus revokat ta' attestazzjoni elettronika ma għandux jitreġġa' lura.

4. Attestazzjoni elettronika tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku għandha titqies konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu (1) ta' dan l-Artikolu, meta tissodisfa l-istandards imsemmija fil-paragrafu (5).

5. Fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u numri ta' referenza ta' standards għal attestazzjoni elettronika tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp tas-settur pubbliku responsabbli għal sors awtentiku, permezz ta' att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 6a(11).

5a. Fi żmien 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi formati, proċeduri, speċifikazzjonijiet u standards għall-finijiet tal-paragrafu 2a permezz ta' att ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali kif imsemmi fl-Artikolu 6a(11).

6. Il-korpi tas-settur pubbliku msemmija fl-Artikolu 3(45a) li joħorġu attestazzjoni elettronika tal-attributi għandhom jipprovdu interfaċċa mal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali prevista f'konformità mal-Artikolu 6a.

Artikolu 45e

Ħruġ ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi lill-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali

Il-fornituri ta' attestazzjonijiet elettroniċi kwalifikati tal-attributi għandhom jipprovdu interfaċċa mal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali pprovdu f'konformità mal-Artikolu 6a.

Artikolu 45f

Regoli addizzjonali għall-forniment ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' attestazzjoni elettronika kwalifikata u mhux kwalifikata tal-attributi ma għandhomx jikkombinaw data personali relatata mal-forniment ta' dawk is-servizzi ma' data personali minn kwalunkwe servizz ieħor offrut minnhom jew is-sħab kummerċjali tagħhom.
2. Id-data personali relatata mal-forniment ta' servizzi ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi għandha tinżamm loġikament separata minn data oħra miżmuma mill-fornitur ta' attestazzjoni elettronika tal-attributi.
4. Il-fornituri ta' servizzi ta' attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi għandhom jimplimentaw separazzjoni funzjonali għall-forniment ta' tali servizzi.

TAQSIMA 10

SERVIZZI TA' ARKIVJAR ELETTRONIKU

Artikolu 45g

Effett legali ta' servizz ta' arkivjar elettroniku

1. Data elettronika maħżuna permezz ta' servizz ta' arkivjar elettroniku ma għandhiex tiġi miċħuda effett legali u ammissibbiltà bħala evidenza fi proċedimenti legali għas-sempliċi raġuni li tkun f'forma elettronika jew li ma hijiex maħżuna permezz ta' servizz ta' arkivjar elettroniku kwalifikat.
2. Id-data elettronika maħżuna bl-użu ta' servizz ta' arkivjar elettroniku kwalifikat għandha tgawdi l-preżunzjoni tal-integrità tagħha u tal-orijini tagħha għat-tul tal-perjodu ta' preservazzjoni mill-fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji.
3. Servizz ta' arkivjar elettroniku kwalifikat fi Stat Membru wieħed għandu jiġi rikonoxxut bħala servizz ta' arkivjar elettroniku kwalifikat fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.

Artikolu 45ga

Rekwiżiti għal servizzi ta' arkivjar elettroniku kwalifikati

1. Is-servizzi ta' arkivjar elettroniku kwalifikati għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) Jiġu pprovduti minn fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji
 - (b) Jużaw proċeduri u teknoloġiji li kapaċi jestendu d-durabbiltà u l-leġibbiltà tad-data elettronika lil hinn mill-perjodu ta' validità teknoloġika u mill-inqas matul il-perjodu ta' preservazzjoni legali jew kuntrattwali, filwaqt li jżommu l-integrità u l-orijini tagħhom;

- (c) Jiżguraw li d-data elettronika tiġi ppreservata b'tali mod li tiġi salvagwardata kontra t-telf u l-alterazzjoni, ħlief għal bidliet li jikkonċernaw il-mezz jew il-format elettroniku tagħha;
- (d) Għandhom jippermettu lill-partijiet dipendenti awtorizzati jirċievu rapport b'mod awtomatizzat li jikkonferma li data elettronika miksuba minn arkivju elettroniku kwalifikat tgawdi l-preżunzjoni tal-integrità tad-data mill-bidu tal-perjodu ta' preservazzjoni sal-mument tal-irkupru. Dan ir-rapport għandu jiġi pprovdut b'mod affidabbli u effiċjenti u għandu jkollu l-firma elettronika kwalifikata jew is-siġill elettroniku kwalifikat tal-fornitur tas-servizz ta' arkivjar elettroniku kwalifikat;
2. Fi żmien 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u numri ta' referenza ta' standards għal servizzi ta' arkivjar elettroniku kwalifikati. Il-konformità mar-rekwiżiti għal servizzi ta' arkivjar elettroniku kwalifikati għandha tiġi preżunta meta servizz ta' arkivjar elettroniku kwalifikat jissodisfa daww l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards. Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

TAQSIMA 11

REĠISTRI ELETTRONIĊI

Artikolu 45h

Effetti legali tar-reġistri elettroniċi

1. Reġistru elektroniku ma għandux jiġi miċħud effett legali u ammissibbiltà bħala evidenza fi proċedimenti legali għas-sempliċi raġuni li jkun f'forma elektronika jew li ma jissodisfax ir-rekwiżiti għar-reġistri elettroniċi kwalifikati.
2. Ir-rekords tad-data li jinsabu f'reġistru elektroniku kwalifikat għandhom igawdu l-preżunzjoni tal-ordni kronoloġika sekwenzjali unika u preċiża tagħhom u tal-integrità tagħhom.
3. Reġistru elektroniku kwalifikat maħruġ fi Stat Membru wieħed għandu jiġi rikonoxxut bħala reġistru elektroniku kwalifikat fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.

Artikolu 45i

Rekwiżiti għal reġistri elettroniċi kwalifikati

1. Ir-reġistri elettroniċi kwalifikati għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) jinħolqu minn fornitur kwalifikat wieħed jew aktar ta' servizzi fiduċjarji;
 - (b) jistabbilixxu l-oriġini tar-rekords tad-data fir-reġistru;
 - (c) jiżguraw l-ordni kronoloġika sekwenzjali unika tar-rekords tad-data fir-reġistru;
 - (d) jirreġistraw id-data b'tali mod li kwalunkwe bidla sussegwenti fid-data tkun tista' tiġi identifikata minnufih, waqt li tiġi żgurata l-integrità tagħha tul iż-żmien.

2. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 meta regjistru elettroniku jkun jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards imsemmija fil-paragrafu 3.
3. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u numri ta' referenza ta' standards għall-ħolqien u t-tħaddim ta' regjistru elettroniku kwalifikat. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).";

(40) jiddaħħal l-Artikolu 48a li ġej:

"Artikolu 48a

Rekwiżiti ta' rapportar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġbir ta' statistika fir-rigward tal-funzjonament tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali ladarba jiġu pprovduti fit-territorju tagħhom.
2. L-istatistika miġbura f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tinkludi dan li ġej:
 - (a) l-għadd ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li jkollhom Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali valida;
 - (b) it-tip u l-għadd ta' servizzi li jaċċettaw l-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali;
 - (c) rapport ta' sinteżi li jinkludi data dwar inċidenti li jipprevjenu l-użu tal-Kartiera Ewropea tal-Identità Diġitali.
3. L-istatistika msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir disponibbli għall-pubbliku f'format miftuħ u użat b'mod komuni u li jinqara mill-magni.
4. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport dwar l-istatistika miġbura f'konformità mal-paragrafu 2.";

(41) l-Artikolu 49 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 49

Reviżjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod partikolari l-Artikolu 6 u l-Artikolu 6db u jekk huwiex xieraq li timmodifika l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew id-dispożizzjonijiet speċifiċi tiegħu, filwaqt li tqis l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll id-domanda tal-konsumaturi, l-iżviluppi teknoloġiċi, tas-suq u dawk legali. Meta jkun meħtieġ, ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta għal emendar ta' dan ir-Regolament.
2. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jinkludi valutazzjoni tad-disponibbiltà u l-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jivvaluta jekk il-fornituri ta' servizzi privati online kollha li jiddependu fuq servizzi ta' identifikazzjoni elettronika ta' partijiet terzi għall-awtentikazzjoni tal-utenti, għandhomx jingħataw il-mandat li jaċċettaw l-użu tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali.
3. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull erba' snin wara r-rapport imsemmi fl-ewwel paragrafu dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament.

(42) l-Artikolu 51 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 51

Miżuri tranżizzjonali

1. L-apparati għall-ħolqien ta' firem siguri li l-konformità tagħhom tkun ġiet iddeterminata f'konformità mal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 1999/93/KE għandhom ikompli jitqiesu bħala apparati kwalifikati għall-ħolqien ta' firem elettroniċi skont dan ir-Regolament sa 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan Regolament.
2. Iċ-ċertifikati kwalifikati maħruġa lil persuni fiżiċi skont id-Direttiva 1999/93/KE għandhom ikompli jitqiesu bħala ċertifikati kwalifikati għall-firem elettroniċi skont dan ir-Regolament sa 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament."
- 2a. Il-ġestjoni ta' apparat għall-ħolqien ta' firem u siġilli elettroniċi kwalifikati mill-bogħod minn fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji għajr fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji li jipprovdu servizzi fiduċjarji kwalifikati għall-ġestjoni ta' apparat għall-ħolqien ta' firem u siġilli elettroniċi kwalifikati mill-bogħod f'konformità mal-Artikoli 29a u 39a għandha tkompli titqies mingħajr il-ħtieġa li jinkiseb l-istatus kwalifikat għall-forniment ta' dawn is-servizzi ta' ġestjoni sa 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- 2b. Fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji li jkunu ngħataw l-istatus kwalifikat tagħhom skont dan ir-Regolament qabel [id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendatorju], bl-użu ta' metodi għall-verifika tal-identità għall-ħruġ ta' ċertifikati kwalifikati f'konformità mal-Artikolu 24(1), għandhom jissottomettu rapport ta' valutazzjoni tal-konformità lill-korp superviżorju li jagħti prova tal-konformità mal-Artikolu 24(1) malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn 30 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendatorju. Sakemm jiġi ppreżentat tali rapport ta' valutazzjoni tal-konformità u titlesta l-valutazzjoni tiegħu mill-korp superviżorju, il-fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji jista' jkompli jiddependi fuq l-użu tal-metodi għall-verifika tal-identità stabbiliti fl-Artikolu 24(1) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.

- (43) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (44) l-Anness II huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (45) l-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
- (46) l-Anness IV huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;
- (47) jiżdied Anness V ġdid kif stabbilit fl-Anness V ta' dan ir-Regolament;
- (48) jiżdied Anness VI ġdid ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 52

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President Il-President

ANNESS I

Fl-Anness I, il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "(i) l-informazzjoni, jew il-post tas-servizzi li jistgħu jintużaw biex wieħed jindaga dwar l-istatus ta' validità taċ-ċertifikat kwalifikat;"

ANNESS II

REKWIŻITI GĦALL-APPARAT KWALIFIKAT GĦALL-ĦOLQIEN TAL-FIREM ELETTRONIĊI

1. L-apparat kwalifikat għall-ħolqien tal-firem elettroniċi għandu jiżgura, b'mezzi tekniċi u proċedurali adatti, li tal-anqas:
 - (a) il-kunfidenzjalità tad-data tal-ħolqien tal-firem elettroniċi użata għall-ħolqien tal-firem elettroniċi tkun aċċertata raġonevolment;
 - (b) id-data tal-ħolqien tal-firem użata għall-ħolqien tal-firem elettroniċi tista' ssir prattikament darba biss;
 - (c) id-data tal-ħolqien tal-firem elettroniċi użata għall-ħolqien tal-firem elettroniċi ma tistax, b'aċċertament raġonevoli, tinkiseb u l-firma elettronika hija protetta b'mod affidabbli mill-falsifikazzjoni b'teknoloġija disponibbli bħalissa;
 - (d) id-data tal-ħolqien tal-firem elettroniċi użata għall-ħolqien tal-firem elettroniċi tista' tkun protetta b'mod affidabbli mill-firmatarju leġittimu kontra l-użu minn persuni oħra.
2. L-apparat kwalifikat għall-ħolqien tal-firem elettroniċi ma għandux jaltera d-data li trid tiġi ffirmata jew iwaqqaf data bħal din milli tiġi ppreżentata lill-firmatarju qabel il-proċess tal-firma.

ANNEX III

Fl-Annex III, il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

- "(i) l-informazzjoni, jew il-post tas-servizzi li jistgħu jintużaw biex wieħed jindaga dwar l-istatus ta' validità ta' ċertifikat kwalifikat;"

ANNESS IV

Fl-Anness IV, il-punt (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(j) l-informazzjoni, jew il-post tas-servizzi tal-istatus ta' validità taċ-ċertifikat li jistgħu jintużaw biex wieħed jindaga dwar l-istatus ta' validità taċ-ċertifikat kwalifikat;".

ANNESS V

REKWIŻITI GĦAL ATTESTAZZJONI ELETTRONIKA KWALIFIKATA TAL-ATTRIBUTI

Attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi għandu jkun fiha:

- (e) indikazzjoni, tal-anqas f'forma idonea għall-ipproċessar awtomatizzat, li l-attestazzjoni nħarġet bħala attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi;
- (f) sett ta' data li jirrappreżenta mingħajr ambigwità lill-fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji li joħroġ attestazzjoni elettronika kwalifikata tal-attributi inkluż tal-anqas, l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-fornitur u:
 - għal persuna ġuridika: l-isem u, meta applikabbli, in-numru ta' reġistrazzjoni kif jidhru fir-rekords uffiċjali,
 - għal persuna fiżika: l-isem tal-persuna;
- (g) sett ta' data li jirrappreżenta mingħajr ambigwità lill-entità li għaliha qed jirreferu l-attributi attestati; jekk jintuża psewdonimu, dan għandu jiġi indikat b'mod ċar;
- (h) l-attribut jew l-attributi attestati, inkluż meta applikabbli l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi identifikat l-ambitu ta' dawk l-attributi;
- (i) dettalji tal-bidu u t-tmiem tal-perjodu ta' validità tal-attestazzjoni;

- (j) il-kodiċi tal-identità tal-attestazzjoni li jrid ikun uniku għall-fornitur kwalifikat ta' servizzi fiduċjarji u meta applikabbli, l-indikazzjoni tal-iskema ta' attestazzjonijiet li l-attestazzjoni tal-attributi tkun parti minnha;
- (k) il-firma elettronika kwalifikata jew is-siġill elettroniku kwalifikat tal-fornitur kwalifikat emittenti ta' servizzi fiduċjarji;
- (l) il-post fejn iċ-ċertifikat ta' appoġġ tal-firma elettronika kwalifikata jew tas-siġill elettroniku kwalifikat imsemmi fil-punt (g) ikun disponibbli mingħajr ħlas;
- (m) l-informazzjoni, jew il-post tas-servizzi li jistgħu jintużaw biex wieħed jindaga dwar l-istatus ta' validità tal-attestazzjoni kwalifikata.

ANNESS VI

LISTA MINIMA TA' ATTRIBUTI

B'segwitu għall-Artikolu 45d, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri biex il-fornituri kwalifikati tal-attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi jkunu jistgħu jivverifikaw, b'mezzi elettroniċi meta jintalbu mill-utent, l-awtentiċità tal-attributi li ġejjin kontra s-sors awtentiku rilevanti fil-livell nazzjonali jew permezz ta' intermedjarji deżinjati rikonoxxuti fil-livell nazzjonali, f'konformità mad-dritt nazzjonali jew tal-Unjoni u meta dawn l-attributi jkunu jiddependu fuq sorsi awtentiċi fis-settur pubbliku:

1. Indirizz;
2. Età;
3. Ġeneru;
4. Status ċivili;
5. Kompożizzjoni tal-familja;
6. Nazzjonalità jew ċittadinanza;
7. Kwalifiki, titli u liċenzji tal-edukazzjoni;
8. Kwalifiki, titli u liċenzji professjonali;
9. Permessi u liċenzji pubbliċi;
10. Data finanzjarja u korporattiva.

ANNESS VII

REKWIŻITI GĦALL-ATTESTAZZJONI ELETTRONIKA TAL-ATTRIBUTI MAĦRUĠA MINN JEW F'ISEM KORP TAS-SETTUR PUBBLIKU RESPONSABBLI GĦAL SORS AWTENTIKU

Attestazzjoni elettronika tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp pubbliku responsabbli għal sors awtentiku għandu jkun fiha:

- a) indikazzjoni, tal-anqas f'forma adatta għall-ipproċessar awtomatizzat, li l-attestazzjoni nħarġet bħala attestazzjoni elettronika tal-attributi maħruġa minn jew f'isem korp pubbliku responsabbli għal sors awtentiku;
- b) sett ta' data li jirrappreżenta mingħajr ambigwità lill-korp pubbliku li joħroġ l-attestazzjoni elettronika tal-attributi, inkluż mill-inqas, l-Istat Membru li fih ikun stabbilit dak il-korp pubbliku u ismu u, fejn applikabbli, in-numru tar-reġistrazzjoni tiegħu kif iddikjarat fir-rekords uffiċjali;
- c) sett ta' data li jirrappreżenta mingħajr ambigwità lill-entità li għaliha qed jirreferu l-attributi attestati; jekk jintuża psewdonimu, dan għandu jiġi indikat b'mod ċar;
- d) l-attribut jew l-attributi attestati, inkluż meta applikabbli l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi identifikat l-ambitu ta' dawk l-attributi;
- e) dettalji tal-bidu u t-tmiem tal-perjodu ta' validità tal-attestazzjoni;
- f) il-kodiċi tal-identità tal-attestazzjoni, li jrid ikun uniku għall-korp pubbliku emittenti u meta applikabbli, l-indikazzjoni tal-iskema ta' attestazzjonijiet li l-attestazzjoni tal-attributi tkun parti minnha;
- g) il-firma elettronika kwalifikata jew is-siġill elettroniku kwalifikat tal-korp emittenti;
- h) il-post fejn iċ-ċertifikat ta' appoġġ tal-firma elettronika kwalifikata jew tas-siġill elettroniku kwalifikat imsemmi fil-punt (g) ikun disponibbli mingħajr ħlas;
- i) l-informazzjoni, jew il-post tas-servizzi li jistgħu jintużaw biex wieħed jindaga dwar l-istatus ta' validità tal-attestazzjoni.